magazin sportiv ta' kull ġimgħa – www.sportivmalta.com

# SPORTIV

Intervista ma' Pawlu Mifsud



Ex Champion Mondjali ta' l-Isnooker u l-Billiards, p66

L-Istorja tal-Football Malti

minn Tonio Farrugia, p38

Posters

Tarxien F.C., p36

Luxol Basketball Club, p54





# Boxing

## Muscat joffri sfida mill-aqwa

▶ Dixon jirbaħ konfront bilanċjat

Lejla ta' Boxing f'Ta' Qali, p60

THE WESTIN
DRAGONARA RESORT
Malta
Irbaħ
Westin Weekend
kull xahar

SPORTIV – Ħarġa nru. 4 – 14 ta' Novembru 2007 €2.00 / Lm0.86

# IT'S A WHOLE DIFFERENT BALL GAME




**Add more excitement to the world's most popular football competitions. Choose from the wide variety of bets offered on the same match. ...Experience the action from different angles!**

For more information about the different types of bets visit any MALTCO LOTTERIES Limited Point of Sale or the company's website, or call our Help Line Centre.

# U*BET®

Maltco LOTTERIES

**MALTCO LOTTERIES Limited**
Hal Mann Buildings, 2nd Floor, Triq San Mikiel,
Iklin IKL 1011. Help Line Centre: 2388 3333

**www.maltco.com**

MALTCO LOTTERIES Limited is the only authorised licensed operator of international sports betting games for the Maltese market, in terms of Article 26 (3) of the Lotteries and Other Games Act (2001)

# EDITORJAL EDITORJAL EDITORJAL EDITORJAL EDITORJAL

SPORTIV reġa' magħna, din il-ġimgħa minbarra l-isports regolari, ħafna aktar sports alternattiv u features minn kull żmien.

Bħal dejjem l-interess mhux ser jonqos, għal ġimgħat li ġejjin ser inwasslulkom l-istorja ta' Charlie l-'Big Boy' u intervisti interessanti oħra ma' personalitajiet li għamlu ġieħ lil pajjiżna fil-qasam ta' l-isport. Din il-ġimgħa niltaqgħu ma' Pawlu Mifsud, Żebbuġi li laħaq il-quċċata tad-dinja fl-Isnooker u l-Billiards.

F'din il-ħarġa segwejna dak li ġara f' Ta' Qali f'lejla mimlija boxing, l-aħħar tellieqa ta' l-Off Road u t-tlielaq tal-Karting li saru f'Ħal Far. Matul il-ħarġiet li ġejjin inkomplu nsegwu aktar tlielaq tal-karozzi u muturi minn Ta' Qali.

Ma jonqsux, l-analiżi ta' Tonio Farrugia u l-istorja tal-football Malti, il-logħob tal-ġimgħa li għaddiet u r-rugby, il-basketball, iż-żwiemel, ritratti minn kull angolu….

SPORTIV, meta l-isports jasal għandek b' differenza!

**Björn Vassallo**
**– Editur**

www.sportivmalta.com

SPORTIV

Ħarġa nru 4

# WERREJ

**SPORTIV**
Magażin Sportiv ta' kull ġimgħa
www.sportivmalta.com

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
18 Daniel Sammut Street, Lija LJA1312, Malta
Tel: 27200233 Fax: 25401217

**Publishing Director**
**Norman Darmanin Demajo**
norman.darmanindemajo@sportivmalta.com

**Associate Publisher**
**Paul Falzon**
info@sportivmalta.com

**Managing Editor**
**Björn Vassallo**
bjorn.vassallo@sportivmalta.com

**Public Relations Officer**
**Claudia Cutajar**
claudia.cutajar@sportivmalta.com

**Marketing Department**
info@sportivmalta.com

**Contributors**
info@sportivmalta.com

**Design**
Zen Grafiks

**Photographers**
Raymond Attard, Scott Dear, Fabian Schembri, Alex Azzopardi

**Cover**
Ludvic Muscat v Scott Dixon - Ritratti Ray Attard

**SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd Marsa, Malta**

**5 Coaches tar-Rekords**
Robert Gatt bl-aktar preżenzi fil-Premier League

**6 L-F.A. Trophy**
Analiżi ta' Tonio Farrugia

**12 1 v 1**
Jitkellmu l-President u l-Coach ta' Ħamrun Spartans

**14 Kampjonat II Diviżjoni**
Rabat A. jirbħu b'goal ta' Smeir fl-aħħar

**16 Kampjonat III Diviżjoni**
Mdina K. jibqaw jikkonvinċu

**20 Kampjonati Għawdxin**
Riżultati u Ritratti

**22 Kampjonati Futsal**
Riżultati u Ritratti

**26 Kampjonati U19, 16, 14**
Riżultati u Klassifiċi

**33 Euro 2008**
It-tim Malti qabel il-logħba mal-Greċja u n-Norveġja

**34 Kompetizzjoni**
Irbaħ ma' SPORTIV

**36 Poster Football**
Tarxien Rainbows F.C.

**38 L-Istorja tal-Football Malti**
L-Istorja tkompli...

**42 Żwiemel**
Ħarsa lejn il-Melbourne Cup

**48 Basketball**
Luxol u Sliema fil-final tax-Shield

**54 Poster Basketball**
Luxol Basketball

**56 Bolton W. Accademy**
Intervista ma' John Hindley

**58 Rugby**
Tazza tan-Nazzjonijiet

**60 Boxing**
Scott Dixon jegħleb lil Ludvic Muscat

**60 Feature Boxing**
L-Istorja ta' Charlie l-'Big Boy'

**66 Snooker u Billiards**
Intervista ma' Pawlu Mifsud

**68 Karozzi**
Off Road u Karting

**70 Riżultati Lokali**
Atletika - Nemeth jirbaħ fiż-Żurrieq

# Abbona issa u iffranka 10%




Prezz tal-Magażin għal sena (52 kopja)

~~€105~~

**€94**

Posta għal barra minn Malta mhux inkluża fil-prezz.

Għal aktar informazzjoni iktbulna fuq email: info@sportivmalta.com

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom | |
| Indirizz | |
| | Kodiċi Postali |
| Tel | Email |
| Data | Firma |

Aqta' u ibgħat dan l-abbonament flimkien ma' cheque ta' €94 *(mhux applikabbli għal barra minn Malta)* lil:
ABBONAMENT SPORTIV, Zen Publishing, 18 Triq Daniel Sammut, Lija - Malta LJA 1312

Tel: 2720 0233 Email: info@sportivmalta.com – Website www.sportivmalta.com

 REKORDS FIL-KAMPJONAT PREMIER

# Robert Gatt lejn rekord ta' 300 partita bħala coach

Minn Lennard Kelder u John Formosa

Għad-disa' staġun konsekuttiv Robert Gatt għadu jmexxi lit-team ta' Hibernians, liema perjodu huwa rekord għal-logħba Maltija. Gatt iddebutta bħala coach ta' Hibernians, nhar l-24 ta' Awissu, 1999, fir-rebħa ta' 3-0 fuq Rabat Ajax.

Sal-lum id-diriġenti Pawlisti għandhom juru fiduċja netta fil-potenzjal tiegħu fejn l-ex goalkeeper internazzjonali Malti wettaq rekord fl-istorja tal-klabb ta' Hibernians.

Fil-21 ta' Ottubru li għadda, Gatt kien qed imexxi lil Hibernians għall-232 partita konsekuttiva tal-kampjonat. Iżda fit-2 ta' Diċembru li ġej, fil-logħba kontra Hamrun Spartans huwa jilħaq it-total ta' 300 partita fl-ogħla diviżjoni fir-responsabbiltà ta' coach wara li huwa mexxa wkoll lil Floriana għal 24 partita kif ukoll lil Birkirkara għal 43 partita.

Il-lista li tidher taħt, turi l-ewwel għaxar coaches bl-aktar ammont ta' partiti fil-Kampjonat Premier. Iżda wieħed irid jgħid ukoll li fiż-żminijiet l-imgħoddija kull team kien jilgħab 14-il partita kull staġun filwaqt li matul is-snin disgħin l-ammont ta' partiti żdied b'numru konsiderevoli.

Għaldaqstant iż-żieda fl-ammont ta' partita affettwaw lil Joe Cilia kif ukoll lil Lawrence Borg.




**Noti:**

1 – Matul l-istaġun 1984-85 (Floriana) u 1997-98 (Birkirkara), Robert Gatt u Alfred Cardona qasmu r-responsabbiltajiet bħala headcoaches.

2 – Matul l-istaġun 1984-85, Joe Cilia ħa t-tmexxija ta' Rabat Ajax flimkien mal-goalkeeper Iordan Filipov.

3 – Lawrence Borg ħadem flimkien mal-coach Brian Talbot fit-tmexxija tat-tim ta' Hibernians, fl-1992-93.

4 – Matul l-istaġuni 2002-03 u 2003-04, Ray Farrugia kien it-team manager ta' Pietà Hotspurs filwaqt li Alfred Cutajar kellu l-irwol ta' coach.

5 - Matul l-istaġun 2005-06, Ray Farrugia qasam ir-responsabbiltà ma' Oliver Spteri bħala headcoach.

6 – Matul l-istaġun 1984-85, Lolly Aquilina u Lolly Debattista qasmu r-responsabbiltà fl-irwol ta' headcoach ma' Marsa.

7 – Fl-istaġun 1996-97, Alfred Cardona ħadem bħala head coach ta' Birkirkara taħt it-tmexxija ta' Alan Sunderland li eventwalment irriżenja wara biss tmien partiti.

| Nru | Coach | Timijiet | Debutt | L-aħħar logħba |
|---|---|---|---|---|
| 299 | Robert GATT (1) | Floriana 24, Birkirkara 43, Hibernians 232 | 20.11.82 | 21.10.07 |
| 227 | Edward AQUILINA | Sliema Wanderers 148, Valletta 79 | 19.10.80 | 20.10.06 |
| 222 | Georgi DEANOV | Zurrieq 19, Pieta´ Hotspurs 175, Valletta 28 | 17.10.84 | 13.05.06 |
| 196 | Ziya YILDIZ | Rabat Ajax 120, Floriana 76 | 26.08.95 | 07.05.04 |
| 188 | Joe CILIA (2) | Floriana 7, Sliema Wanderers 14, Valletta 54, Hibernians 54, Rabat Ajax 27 Birkirkara 14, Zurrieq 18 | 12.10.80 | 04.02.95 |
| 188 | Atanas MARINOV | St.Patrick 27, Birkirkara 50, Hamrun Spartans 52, Valletta 24, Marsaxlokk 35 | 23.08.98 | 16.10.05 |
| 187 | Lawrence BORG (3) | Zurrieq 44, Sliema Wanderers 89, Hibernians 18_, Valletta 18, Birkirkara Luxol 18 | 31.08.86 | 21.10.00 |
| 170 | Raymond FARRUGIA (4, 5) | Naxxar Lions 65, Pieta´ Hotspurs 56, Marsaxlokk 21, Sliema Wanderers 28 | 27.08.95 | 21.10.07 |
| 162 | Lolly AQUILINA (6) | Marsa 38, Hamrun Spartans 98, Floriana 26 | 06.10.84 | 03.05.02 |
| 148 | Stephen AZZOPARDI | Birkirkara 148 | 15.12.01 | 24.02.06 |
| 148 | Alfred CARDONA (1, 7) | Hamrun Spartans 14, Floriana 22, Birkirkara 88, Gozo FC 24 | 10.10.82 | 02.12.01 |

# Kemm għandna football speċjali

minn Tonio Farrugia

Ftit ilu kont qed naqra ftit ħsibijiet tal-Professur Edward de Bono u dan fost affarijiet oħra qal kemm Malta huwa post speċjali, fejn semma l-fatt li saħansitra Aristotile biex iżommlu kumpanija kellu Maltese Terrier. Issa huwa ovvju li Aristotile ma ħax l-ideat tiegħu mill-kelb, iżda l-konnessjoni Maltija hemm qiegħda.

M'għandix dubju li meta de Bono ġab l-argument dwar kemm aħna post speċjali, l-aħħar ħsieb li għaddielu minn moħħu kien il-football Malti. Iżda hawn fostna, fil-football tagħna, jiġru affarijiet li bil-fors iġegħluk taqbel li aħna speċjali fl-Ewropa. Dusan Fitzel, għalkemm għadu jilmenta u ma draniex, però naħseb li nduna b'xi ħaġa.

**L-irtirata speċjali ta' George Mallia**

Il-coach nazzjonali kien diġà gerger fuq l-ispeċjalità tal-Premier tagħna illi jew nejja jew maħruqa jew ħafna logħob fuq xulxin jew xejn. Ma' din il-problema issa żdieditlu oħra taħt il-forma ta' George Mallia li għażel li jirtira mit-team nazzjonali minħabba x-xogħol. U lil George, fil-forma preżenti tiegħu u bis-sospensjoni ta' Woods, konna ser niġu bżonnu.

Ma nafx kemm hawn timijiet bħalna. Ma nafx kemm hawn Ewropej li jwarrbilhom player mit-team nazzjonali għax ikollu x'jagħmel band'oħra. Is-soltu jew player ikun imweġġa', jew sospiż, jew bħal Francesco Totti u Alessandro Nesta jitilqu għall-gost u l-kapriċċ tagħhom. Mallia mhux imweġġa', mhux sospiż u ma ddejjaqx. Jixtieq jilgħab u ma jistax. Għax hawn Malta nagħmluha mal-kbar, imma fil-football tagħna jinqalgħu affarijiet li juruna kemm għadna ċkejknin.

George Mallia però m'għadux ċkejken. Ħafna tfal żgħar li jħobbu l-ballun joħolmu li xi darba meta jikbru jilagħbu mat-team nazzjonali, għalkemm post għal ħdax biss hemm. Imma xorta kollha joħolmu. U ma jibdlu dan il-ħolm ma xejn. George dan il-post wieħed minn ħdax ħadu u llum bħal tifel li jixba' minn ġugarell li jkun ilu jilgħab bih, warrab il-flokk fil-ġenb.

Għax illum Mallia jiżen x'jaqbel u ma jaqbilx qabel jiddeċiedi fejn jilgħab u fejn ma jilgħabx. M'għadux jgħix fid-dinja tal-ħolm għax jaf tajjeb li l-football tagħna m'għandux x'jaqsam ma' ta' Nesta jew Totti. Tagħna ma fihx qliegħ.

**L-ispeċjalità ta' Darko**

Ma fihomx qliegħ l-anqas logħbiet bħal dawn tat-Trophy għal timijiet bħall-Belt u l-Furjana li minn din is-sena bdew jitqiesu mal-kbar u li sena sa ilu ma kienux. Għax jekk il-Furjana damdmu lil Mellieħa, ħadd m'hu se jistgħaġeb u jgħidilhom prosit. Għax hekk suppost għamlu.

Floriana kienu diġà qatlulna kull interess kmieni fil-partita meta wara appena żewġ minuti Darko (kulħadd hekk jgħidlu għax kunjomu diffiċli) dawwar wieħed mill-ispeċjalità tiegħu mal-barriera



Senglea A. v Msida S.J.



George Mallia (Birkirkara)



Floriana jiċċelebraw kontra Mellieħa



Marsa v Dingli S.



Senglea A. v Msida S.J.

u għar-rokna tax-xibka. Bħal donnu jpoġġihom b'idejh. U ftit wara għal ftit ma skurjax minn free-kick ieħor meta l-goalkeeper Vella salvalu f'corner.

Dan is-Serb wara xi 20 sena jilgħab il-football f'pajjiżu u ma sema' bih ħadd, minflok ma rtira bil-kwiet kif soltu jagħmlu players tamparu, ġie hawnhekk u f'temp ta' ftit logħbiet diġà sar jafu kulħadd.



Tarxien R. v Qormi

**Il-bajd speċjali ta' Monesterolo**

U l-istess il-Belt ġimgħa qabel. Taw erba' lil Ħaż-Żabbar u ħadd ma ta każ. F'logħbiet hekk huma suppost jirbħu u l-Arġentin suppost jiskorja ... anke jekk m'għamilx hekk.

Naqas milli jiskorja, u jekk kien hemm bżonn prova li din mhix is-sena tiegħu komplejna ħadniha fil-Preliminari ta' din il-kompetizzjoni. Ixxuttja, mar qrib, xutt ħakkiklu mal-lasta u b'ieħor anke laqat il-lasta. U meta wasal penalty li minnu seta' jsib ix-xibka kien laħaq inbidel żewġ minuti qabel. Xi żvintura!

In-nuqqas ta' goal f'kull logħba li jilgħab, kif kien webbilna sena ilu, tfakkarni f'dik l-istorja tat-tiġieġa li kienet tbid bajda tad-deheb kuljum. L-istorja kienet tkompli li sidha fetaħha min-nofs biex joħdilha d-deheb kollu li kien hemm ġewwa. Ma sab xejn u s-sid spiċċa bla tiġieġa u bla bajd.

Meta l-goals ta' Monesterolo ma baqgħux jaslu anke t-team tal-Belt hekk donnu qisu spiċċa ... bla tiġieġa.

**Xebgħa silġ għall-Ballboys**

Iktar minn tiġieġ spiċċaw qishom flieles għax dawn għadhom żgħar. Qed nirreferu għall-ballboys li waqt il-ħin tal-mistrieħ tal logħba tat Trophy tal Ħadd bejn l-Isla u l-Imsida, ħadd mill-kbar li suppost jieħdu ħsiebhom ma żammhom milli joħorġu għan-nofs jilagħbu l-ballun. Għax il-kbar kollha daħlu jiġru 'l ġewwa biex jifrrankaw xebgħa xita bis-silġ. Biss biss ir-referee Marco Borg saffar għall-mistrieħ hekk kif Senglea kienu ħarbu b'kontrattakk veloċi tnejn kontra wieħed. Bħal donnu kien mgħaġġel. Mhux soltu jsaffru hekk għall-ħin il-mistrieħ.

U waqt li x-xita baqgħet nieżla l-ħin kollu, u fuq it-taraġ kulħadd imgezzez, it-tfal baqgħu hemm jilagħbu, jixxuttjaw, jiskurjaw, jieħdu pjaċir. Għax dawk għadhom żgħar.

Dawk għadhom joħolmu li meta jikbru xi darba għad jilagħbu ma' Malta.....



# Tarxien Rainbows ju lil Qormi



Il-goalkeeper ta' Tarxien Rainbows, Sean Cini, jinnewtralizza t'attakk ta' Qormi

## Qormi .... 1 Tarxien Rainbows ..... 5

Tarxien Rainbows kisbu rebħa kbira ta' 5-1 fuq Qormi biex għaddew għat-tieni round tal-kompetizzjoni ta' l-FA Trophy.
Dan l-iskor kien meqjus bħala wieħed sorpriża meta wieħed iqis il-potenzjal ta' Qormi hekk kif ma' l-ewwel nofs siegħa l-partita kienet diġà mirbuħa u mitlufa.

**L-AĦJAR AZZJONIJIET**

20 min (0-1) - Simon Shead fetaħ l-iskor għal Tarxien Rainbows meta mill-viċin ma żbaljax minn azzjoni ta' freekick ta' Graham Bencini.

22 min (0-2) - Simon Muscat irdoppja għar-Rainbows wara azzjoni personali.

30 min (0-3) - Minn cross insidjuż ta' Simon Shead, daħal bil-ġirja Luke Vella Critien li b'xutt li ma jaħfirx għeleb lill-goalkeeper ta' Qomri, Joshua Galea.

45 min (0-4) - Eżatt qabel tmiem l-ewwel taqsima, Angus Buhagiar, kompla serraħ ras id-dirigenti ta' Tarxien minn rebħa.

65 min (1-4) - Qormi ppruvaw jidħlu fil-partita meta Carmel Formosa xeħet cross perikoluż li minnu Michael Borg Olivier naqqas il-marġni bil-ballun jaħbat mal-mimduda qabel jispiċċa fix-xibka.

67 min (1-5) - Simon Grech issiġilla r-rebħa wara li rċieva mingħand Omar Grech.





Essien Mbong (Tarxien R.) jgħaddi bejn Joseph Farrugia u Carmel Formosa (Qormi)



Joseph Saliba (Qormi) jgħaddi l-ballun lil sieħbu Joseph Farrugia fil-partita kontra Tarxien Rainbows

# miljaw

**I Round**
**10.11.2007**
**Centenary Stadium**

**Qormi ........................1**

**Tarxien Rainbows .......5**

**Qormi** - Joshua Galea, Kurt Zammit, Joe Saliba, Jonathan Francica, Antoine Galea, Clyde Camion (Chris Vella 72), Joseph Farrugia, Paul Camilleri (Michael Borg Olivier 46), Joseph Chetcuti (Anatole Debono 46), Carmel Formosa, Lee Grima - *Coach* - Jesmond Zerafa

**Tarxien R.** – Sean Cini, Manuel Caruana (Steve Sadowski 82), Malcolm Buttigieg, Graham Bencini, Simon Muscat, Essien Mbong, Simon Shead, Angus Buhagiar (Andy Mangion 76), Ramon Schembri, Ryan Grech (Omar Grech 56), Luke Vella Critien - *Coach* - Noel Coleiro

**Referee** – Joe Attard

**Assistenti** – Alan Camilleri,Edward Spiteri

**Skorers**: S.Shead 20, S.Muscat 22,67, L.Vella Critien 30, A.Buhagiar 40 (TR), M.Borg Olivier 65 (Q)

**Ammoniti** – M. Buttigieg, M. Caruana, R.Schembri (TR)



Kevin Xerri ta' Marsa fl-azzjoni kontra Dingli Swallows

# Dingli S. ikomplu jikxfu l-problemi ta' Marsa

## Marsa..... 0 Dingli Swallows ...... 7

Dingli Swallows komplew iżidu mal-problemi ta' Marsa meta fl-Ewwel Round ta' l-FA Trophy ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 7-0 wara li dawn ta' l-aħħar kienu ġejjin minn telfa oħra kbira fil-kampjonat, din id-darba 6-0 kontra St. George's.

Kif jindika r-riżultat, il-partita ma kien fiha l-ebda storja fejn l-eroj ta' Dingli Swallows kien Uchenna Anyanwu li skorja erba' goals.

**L-AHJAR AZZJONIJIET**

25 min (0-1) - Uchenna Anyanwu fetaħ l-iskor għal Dingli wara li rċieva mingħand Roderick Spiteri.

39 min (0-2) - Reġa' kien Roderick Spiteri li għadda lejn Uchenna Anyanwu li minn tarf il-kaxxa venven xutt għal ġox-xibka.

53 min (0-3) - L-Iswallows komplew iżidu l-iskor meta Jason Cachia skorja bir-ras minn freekick ta' Kurt Formosa.

75 min (0-4) - F'kontrattakk ta' Dingli, Darren Roe antiċipa l-ħarġa tal-goalkeeper Marsi, Roderick Spiteri, billi xeħet lejn Uchenna Anyanwu li bil-kalma kollha kompla għal ġewwa.

77 min - Dingli ingħataw penalty għal foul fuq Uchenna Anyanwu iżda Christian Muscat falla l-mira mill-11-il metru.

79 min (0-5) - L-Iswallows reġgħu ingħataw penalty meta Jean Paul Zammit ikkommetta foul fuq Darren Roe biex Uchenna Anyanwu rreġistra r-raba' goal personali tiegħu.

83 min (0-6) - Bid-difiża Marsija statika għall-aħħar, Darren Roe, ixxamplat waħdu, kompla għal ġewwa mill-pass ta' Uchenna Anyanwu.

85 (0-7) - Jeremy Agius issiġilla r-rebħa wara li rċieva mingħad Uchenna Anyanwu u b'azzjoni personali niżżel ismu fost l-iskorers.

**I Round**
**10.11.2007**
**Centenary Stadium**

**Marsa.........................0**

**Dingli Swallows .........7**

**Marsa** - Roderick Spiteri, Shaun Cutajar,Darren Vella, Clayton Guzman (Joseph Rizzo 46), Christopher Sacco (Ivan Borg 46),Jean Paul Zammit, Kevin Cassar, Johan Camilleri, Joseph Achokwu, Kevin Xerri, Alexander Cassar (Roderick Mallia 83) - *Coach* - Jimmy Briffa

**Dingli S.** – Jeffrey Farrugia, Edwin Casha, Fabio Cauchi, Roderick Spiteri,Kurt Formosa (Darren Roe 60), Christian Muscat, Jeremy Agius, Jason Cachia (Bruce Genovese 69), Etienne Farrugia (Christian Tabone 58), Brian Galea, Uchenna Anyanwu - *Coach* - Jesmond Zammit

**Referee** – Adrian Azzopardi

**Assistenti** – Konrad Borg, Joe Camilleri

**Skorers** – U. Anyanwu 25, 39, 75, 79, J.Cachia 53, D.Roe 83, J.Agius 85 (DS)

**Ammoniti** – Ħadd

# Senglea A. jeliminaw team tal-Premier




## Senlgea A...... 4 Msida S.J. ...... 3

Senglea Athletic saru l-ewwel team mill-Ewwel Diviżjoni li elimina team mill-Premier fil-kompetizzjoni ta' l-FA Trophy meta huma għelbu lil Msida St. Joseph bl-iskor ta' 4-3 wara l-ħin barrani. Minkejja li Msida kellhom aktar pussess tal-ballun u għal bosta ħinijiet anke kienu l-aħjar team, Senglea approfittaw mill-ftit okkażjonijiet li kellhom minkejja li kienu tliet darbiet fi żvantaġġ

**L-AĦJAR AZZJONIJIET**

21 min (0-1) - Msida fetħu l-iskor minn freekick dirett ta' Tyrone Farrugia li ħasad għal kollox lill-goalkeeper ta' Senglea, George Attard.

43 min (1-1) - Senglea kisbu d-draw meta Kenneth Abela kkonkluda bir-ras mill-cross insidjuż ta' Mark Tanti.

60 min (1-2) - Lawrence Mizzi rreċiproka din l-azzjoni biex mill-cross ta' Andrew Spiteri bir-ras xeħet lis-Saints fil-vantaġġ.

68 min (2-2) - Kien Kenneth Abela li għal darb'oħra kiseb id draw għal Senglea wara li kkontrolla tajjeb qabel ma għeleb lill-goalkeeper Msidjan, Manuel Bartolo.

95 min (2-3) - Għat-tielet darba Msida St. Joseph marru mill-vantaġġ meta Tyrone Farrugia kkonnettja l-cross ta' Andrew Spiteri.

101 min (3-3) - Anthony Ewurun reġa' daħħal lil sħabu fil-partita wara azzjoni bejn Mark Tanti u Kenneth Abela.

104 min (4-3) - Għall-ewwel darba Senglea marru fil-vanatġġ permezz ta' Anthony Ewurun b'xutt mill-viċin liema goal baqgħu jżommu sa l-aħħar.

Manuel Bartolo, goalkeeper ta' Msida St. Joseph, jgħin lil sħabu fl-aħħar attakk Misidjan








Tyrone Farrugia jiftaħ l-iskor għal Imsida St. Joseph



**I Round**
**11.11.2007**
**Centenary Stadium**

**Senglea Athletic........................4**
**Msida St. Joseph ............................3**
*(wara l-hin barrani)*
**Senglea A.** - George Attard, Chris Cuschieri, Glenn Bonello (Brady Zerafa 103), Kenneth Abela, Joseph Farrugia (Jason Borg 90), Anthony Ewurun (Tyron Thomas 114), Kevin Mifsud, Digger Okonkwo, Simon Aquilina, Daniel Cosaitis, Mark Tanti - *Coach* - Richard Mercieca
**Msida SJ** – Manuel Bartolo, Pio Scriha, Stefano Grima (Roderick Baldacchino 99), Tyrone Farrugia, Adrian Farrugia (Patrick Borg 70), Dino Cachia, Doding Priso, Andrew Spiteri, Gilbert Camilleri, Lawrence Mizzi (Glenn Magri 87), Clive Brincat - *Coach* - Patrick Curmi
**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – Philip Agius, Charlie Micallef
**Raba' Uff.** - Chris Lau-tier
**Skorers** – K. Abela 43, 68, A. Ewurun 101, 104 (S), T. Farrugia 21, 95, L. Mizzi 60 (M)
**Ammoniti** – D. Okonkwo, G. Attard, C. Cuschieri (S), T. Farrugia (M



Msida bl-aħħar tentattivi quddiem il-lasta ta' George Attard (Senglea Ath)





Adrian Mifsud (Floriana) jgħaddi bejn players ta' Mellieħa

# Floriana jirbħu mingħajr tbatija

## Floriana .... 7 Mellieha ..... 1

Floriana kisbu rebħa kbira ta' 7-1 fuq it-team modest ta' Mellieħa biex għaddew għar-round li jmiss tal-kompetizzjoni ta' l-FA Trophy.
Il-partita kienet mingħajr ebda storja fejn matul id-90 minuta dehret evidenti d-differenza bejn iż-żewġ timijiet.

**L-AĦJAR AZZJONIJIET**

3 min (1-0) - Kmieni fil-partita Floriana jieħdu l-vantaġġ meta Darko Krsteski jdawwar il-free-kick tiegħu dritt għar-rokna tax-xibka.

18 min (2-0) - Reġa' kien id-difensur Serb, Darko Krsteski, li skorja t-tieni goal ta' Floriana b'daqqa ta' ras minn azzjoni ta' corner.

38 min (3-0) - Kien imiss lil Yala Bolasie li jsib ix-xibka meta antiċipa l-ħarġa tal-goalkeeper Mellieħi, David Vella, b'lob preċiż.

42 min (4-0) - Floriana daħlu jistrieħu b'vantaġġ ta' erba' goals meta Yala Bolasie xeħet fix-xibka wara cross tajjeb ta' Mauro Brincat.

61 min (5-0) - Mano Micallef kompla jaċċerta r-rebħa Furjaniża b'azzjoni personali.

84 min (6-0) - Christian Caruana approfitta mir-rebound wara li goalkeeper ta' Mellieħa, David Vella, naqas li jżomm il-cross ta' Mauro Brincat.

91 min (7-0) - Yala Bolasie għaqqad il-hat-trick personali minn rebound wara li David Vella laqa' parzjalment ix-xutt ta' Christian Caruana.

94 min (7-1) - Mellieħa skurjaw il-goal ta' konsolazzjoni minn Ibrahim Tarek wara li rċieva mingħand Kevin Gauci.

**I Round**
**11.11.2007**
**Centenary Stadium**

**Floriana ............7**

**Mellieha.............1**

**Floriana** - Simon Agius, Mano Micallef (Mark Gauci 70), Duncan Pisani, Darko Krsteski (Julian Briffa 40), Clifton Ciantar, Mauro Brincat, Christian Cassar, Zoran Levniac (Jermain Brincat 58), Yala Bolasie, Christian Caruana, Adrian Mifsud - *Coach* - Danilo Doncic

**Mellieha** – David Vella, Fabian Vella, Luke Cauchi (Raymond Vella 70), William Borg, Hubert Vella, Kevin Gauci, Sandro Costa Brasilino (Ibrahim Tarek 64), Keith Spiteri, Reuben Vella, Wayne Borg St. John, Gianluca Calabretta - *Coach* - Ilir Pelinku

**Referee** – Andre Arciola

**Assistenti** –Ingmar Spiteri, Marjanu Debono

**Raba' Uff.** – Paul Caruana

**Skorers**:D. Krsteski 3, 18, Y. Bolasie 38, 42, 91, M. Micallef 61, C. Caruana 84 (F), I. Tarek 94 (M)

**Ammoniti** – F. Vella (M)

# "Bl-għaqal tal-kumitat fid-direzzjoni l-ġusta" -

**Intervista minn Björn Vassallo**



Gejtu Cuschieri, president ta' Ħamrun Spartans

***Inti nħtart president ta' Ħamrun Spartans fiż-żminijiet meta kien hemm sħaba sewda. Illum bħal donnu reġgħet feġġet ix-xemx fuq il-klabb. X'ifisser dan?***

Huwa veru li jien inħtart president matul is-sena li għaddiet fiż-żmien li kien hemm bosta problemi. Iva, dan l-istaġun reġgħet feġġet ix-xemx għalina li tkompli tħeġġeġ lill-kumitat biex ikompli jaħdem għall-ġid tal-klabb Ħamruniż.

***Huwa veru li l-klabb ta' Hamrun Spartans huwa mifni bid-dejn?***

Nemmen li klabbs bħalna u akbar minna għandhom id-dejn minħabba li l-finanzi tal-klabb jiddependu fuq individwi u sponsors biex jitħallsu l-players.

Ma naqbilx miegħek li użajt il-kelma "mifni" għax id-dejn tagħna huwa wieħed bilanċjat li bl-għaqal tal-kumitat jista' jitħallas fil-futur.

Nista ngħid li l-uniku dejn li fadal ma' klabbs oħra huwa dak ma' Sliema Wanderers biss fuq it-trasferiment ta' Rupert Mangion. Dan minħabba li matul dawn l-aħħar tliet snin tħallas id-dejn kollu mal-klabbs l-oħra.

***L-aħħar kampjonat li rebħu Ħamrun Spartans kien fl-1990. Taħseb li se jgħaddu aktar snin biex it-trofrew tal-kampjonat terġa' tara t-toroq tal-Ħamrun?***

Huwa fatt reali li l-klabb tagħna għadda minn taqlib enormi matul dawn is-snin b'konsegwenza ta' kriżi.

Iżda rrid ngħid ukoll li aħna nipproduċu l-players permezz tan-Nursery tagħna. Ninsabu fi żmien fejn il-players żgħażagħ qed jiksbu l-esperjenza meħtieġa fl-ogħla livell tal-football Malti.

M'inix se nkun prużuntuż billi nbassar suċċess immedjat. Irridu nżommu saqajna ma' l-art u nibqgħu konċentrati. Irridu nimxu pass wara ieħor. L-għan tagħna dan l-istaġun huwa li nikkwalifikaw għaċ-Championship Pool.

Wieħed ma jridx jinsa wkoll li aħna għadna kif ksibna l-promozzjoni u fil-bidu ta' l-istaġun ma kellna l-ebda pretensjoni. Biss il-prestazzjonijiet pożittivi qed juru li sejrin fid-direzzjoni l-ġusta.

***Is-Sur Victor Tedesco huwa meqjus bħala monument ħaj fis-suċċessi ta' l-Ispartans fis-snin tmenin u disgħin. Saħansitra l-ground tagħkom huwa msemmi għalih. Kif tqabbel lilek innifsek mas-Sur Tedesco fit-tmexxija tal-klabb?***

Għandi kull rispett lejn is-Sur Victor Tedesco minħabba li ħadem ħafna għall-klabb u nkisbu bosta suċċessi taħt il-presidenza tiegħu.

Ma nistax inqabbel lili nnifsi ma' l-abbiltà tiegħu minħabba li dawk kienu żminijiet oħra fejn it-tim Ħamruniż kellu l-lussu ta' bosta players minn fost l-aqwa f'pajjiżna.

Iżda fil-poteri tiegħi nwiegħed lill-partitarji Ħamruniżi li nagħmel dak kollu li nista' biex il-klabb ikollu amministrazzjoni kredibbli.

Wieħed ma jridx jinsa wkoll li l-klabb tagħna għad ma għandux titlu legali. Bħalissa din il-problema hija l-għieda ewlenija ma' l-awtoritajiet.

Jien għandi fiduċja netta fil-kumitat preżenti u għaldaqstant nemmen li l-klabb għandu futur pożittiv.

***Stefan Sultana huwa l-mudell eżemplari għal ħafna players żgħażagħ Ħamruniżi. Kemm inbidlu players minn meta ddebutta, f'Settembru, 1987?***

Minn dak in-nhar inbidlu bosta players. Illum Stefan huwa l-aktar player veteran li jgħin lill-players tagħna jiksbu l-esperjenza meħtieġa u li ħafna minnhom kienu taħt it-tmexxija tiegħu fin-Nursery.

Stefan igawdi rispett kbir fost il-players kollha u naħseb li dan huwa s-sigriet ta' riżultati pożittivi minħabba li huwa mexxej metikoluż. Għandu kariżma kbira iżda fl-istess waqt dixxiplinat.

***Ma taħsibx li għandek konflitt meta qed taqdi l-irwol ta' president ma' Hamrun Spartans u fl-istess waqt qed taqdi l-irwol ta' segretarju ma' l-Għaqda Banda La Vallette?***

Xejn minn dan. Il-banda hija t-tieni priorità tiegħi, wara l-football.



Partitarji Ħamruniżi jiċċelebraw fi Strada Rjali

# resqin

# Gejtu Cuschieri, President Ħamrun S.


It-team ta' Ħamrun Spartans rebbieħ tal-Kampjonat, staġun 1946-47

Ili membru fl-Għadqa Banda La Valletta mill-1977. Matul dak il-perijodu kont fil-kummissjoni tal-banda biex eventwalment ġejt elett fil-kumitat b'konsegwenza li nħtart segretarju f'dawn l-aħħar erba' snin.

Forsi int użajt il-kelma "konflitt" għal meta Hamrun Spartans jilagħbu kontra Valletta. Jien bniedem Ħamruniż u nħobb l-isportività u l-briju. Ir-rivalità tressaq aktar nies lejn l-istadium u toħloq atmosfera elettrifikanti.

Iżda jien kontra l-insulti, jiġu minn fejn jiġu. Wara l-logħba kontra Valletta (0-0), il-partitarji Ħamruniżi kellhom raġun jiċċelebraw. Iżda kien hemm min qabeż il-limitu. Saħansitra kien hemm players li wkoll qabżu l-limitu b'kant kontra l-president ta' Valletta, is-Sur Victor Sciriha.

Jien kont dak il-bniedem li bir-responsabbiltà kollha sikkitt u waqqaft dak kollu li kien qed jingħad u mhux bil-kontra ta' kif intqal. Ma naħsibx li biex tifraħ hemm il-ħtieġa li tinsulta lill-parti l-oħra.

*Fl-imsemmija logħba l-emozzjoni ġriet bil-partitarji Ħamruniżi fejn dawru l-attenzjoni tagħhom b'insulti fuq il-president ta' Valletta, is-Sur Victor Sciriha. Forsi nsew kemm dan il-bniedem għen lill-klabb tagħkom?*

Iva, is-Sur Victor Sciriha, illum president ta' Valletta, għen ħafna lill-klabb ta' Ħamrun Spartans b'mod finanzjarju. L-għajnuna kienet reċiprokata min-naħa tagħna bl-użu tal-Victor Tedesco Stadium għat-taħriġ ta' l-iskwadra ta' Marsaxlokk.

Aktar minn hekk, matul dak iż-żmien kien hemm ukoll taħditiet biex is-Sur Victor Sciriha jieħu t-tmexxija tal-klabb iżda fl-aħħar mumenti ma ntlaħaqx ftehim.

Niftakar kif fil-festa ta' San Gejtanu, is-Sur Sciriha kien preżenti fejn ingħata merħba minn kulħadd u saħansitra ġie mdawwar mal-każini kollha fejn baqa' mpressjonat. Iżda ma kellux ikun li jinħatar president ta' Ħamrun Spartans.

Dan ma jfissirx li l-partitarji Ħamruniżi għandhom il-barka biex ma' l-iċken okkażjoni jinfexxu f'tgħajjir kontrih.

*Il-Kampjonat Premier qed jiżvolġi f'wieħed interessanti għax għadu kollox inċert. Hamrun Spartans jinsabu f'nofs il-klassifika f'pożizzjoni tajba li jeħilsu mir-Relegation Pool. Taħseb li tistgħu tibqgħu żżommu din il-konsistenza sa tmiem l-ewwel fażi?*

Kif għedt qabel f'din l-intervista, l-għan ewlieni tagħna huwa li nispiċċaw ma' l-ewwel sitt timijiet, jiġifieri, fiċ-Championship Pool.

Il-players qed juru determinazzjoni kemm fit-taħriġ kif ukoll fil-logħob tagħhom. Konsegwenza ta' hekk qed jattiraw lill-partitarji Ħamruniżi lejn Ta' Qali.

Mhux qed nippretendi affarijiet kbar iżda jekk nibqgħu nuru l-istess konsistenza, nemmen li jintlaħaq l-għan ewlieni.

*F'kull kampjonat teżisti rivalità, l-aktar bejn żewġ lokalitajiet ġirien, fejn telfa ma tantx tinżel tajjeb. Min huma eżatt ir-rivali eterni ta' Hamrun Spartans?*

Jien inqis lil kull team bħala rival. Fis-snin l-imgħoddija, ir-rivali eterni ta' l-Ispartans kienu Marsa meta ż-żewġ timijiet kienu armati b'elementi stroardinarji u anke kienu sfida denja għar-rebħ tat-titlu. Illum din ir-rivalità naqset ħafna għal raġunijiet ovvji.

Fil-preżent, fil-Kampjonat Premier, il-Ħamruniżi jqisu lil Pietà Hotspurs bħala r-rivali ewlenin.

*Matul dawn l-aħħar xhur il-Victor Tedesco Stadium ġie kkritikat minħabba l-kundizzjoni ħażina tal-ground u li mhux adattat biex jospita logħbiet fih. Għadkom bil-pjani li l-wiċċ jiġi mibdul għal wieħed artifiċjali?*

Dan l-aħħar saret manutenzjoni kbira fil-Victor Tedesco Stadium fejn inħarat il-ground b'żieda ta' ħamrija ġdida. Illum it-turf huwa tant sabiħ li qisek qed tara tapit aħdar.

Matul din il-ġimgħa ġew installati wkoll żewġ bankijiet ġodda fejn joqogħdu l-coaches u r-riservi.

Iva, fil-fatt dan l-istaġun se jkun l-aħħar wieħed li l-Victor Tedesco Stadium ikollu ħaxix naturali minħabba li hemm ippjanat li jiġi nstallat dak artifiċjali.

Hemm pjani wkoll li fil-futur se jiġu nstallati wkoll tinda kbira għall-kumdità tal-partitarji u kif ukoll id-dawl artifiċjali.

*X'inhu l-messaġġ tiegħek bħala president lill-partitarji numerużi Ħamruniżi?*

Jiena nħossni kuntent li l-partitarji Ħamruniżi qed jerġgħu jitilgħu bi ħġarhom lejn Ta' Qali biex isegwu t-tim maħbub tagħna.

Għaldaqstant jien nappella għall-għaqda fost il-partitarji Ħamruniżi għax b'hekk biss jista' l-klabb tagħna jimxi 'l quddiem.

Barra minn hekk nitlob ukoll għal appoġġ massimu mill-istess partitarji biex, flimkien, fil-futur inkunu nistgħu negħlbu kull problema u ostaklu.

Fejn hemm il-għaqda hemm is-saħħa u nemmen li jekk jingħibed ħabel wieħed, inpoġġu l-isem ta' Ħamrun Spartans fuq l-ogħla pedestal, wara kollox dak li tant jixraqlu.

## Ħamrun Spartans F.C.

**Twaqqif:** 1910
**Laqam:** Tas-Sikkina
**League Champions:**
1913-14; 1917-18; 1946-47; 1982-83; 1986-87; 1987-88; 1990-91
**FA Trophy:** 1982-83; 1983-84; 1986-87; 1987-88; 1988-89; 1991-92
**League & Cup Double:**
1982-83; 1986-87; 1987-88
**Cassar Cup:** 1946-47; 1948-49
**Euro Cup:**
1985-86; 1988-89; 1991-92; 1992-93
**Super Cup:**
1986-87; 1987-88; 1988-89; 1990-91; 1991-92
**Super Five Tournament:** 1990-91
**L-Aqwa Skorers:**
1947-48: Freddie Landolina - 16 goals
1958-59: Twanny Cassar - 11 goals
1972-73: Charlie Borg - 10 goals
1982-83: Leo Refalo - 07 goals
1983-84: George Ivanov - 07 goals
1987-88: Barry Gallagher - 07 goals
1991-92: Stefan Sultana - 22 goals
**Player tas-Sena:**
1986-87: Ray Vella
1989-90: Michael Degiorgio
1990-91: Ray Vella
1992-93: Joe Brincat
**Parteċipazzjoni fit-Tazzi ta' l-Ewropa:**
**Tazza tac-Champions:**
1983-84: Dundee United (Skozja) 0-3 0-3
1987-88: Rapid Wien (Awstrija) 0-6 0-1
1988-89: Nentori (Albanija) 2-1 0-2
1991-92: Benfica (Portugall) 0-6 0-4
**Tazza tat-Tazzi:**
1984-85: Ballymena (Irlanda) 1-0 2-1
Dinamo Moscow (Russja) 0-5 0-1
1989-90: Real Valladolid (Spanja) 0-5 0-1
1992-93: Maribor (Slovenja) 0-4 2-1
**Tazza Uefa:**
1985-86: Dinamo Tirana (Albanija) 0-1 0-0
**It-Tieni Diviżjoni:**
1921-22; 1937-38
**Knock-Out Tieni Diviżjoni:** 1912-13; 1970-71
**Scicluna Cup - Sezzjoni B:** 1950-51
**Sons of Malta Cup tat-Tieni Diviżjoni:**
1976-77
**Premier Reserves:** 1982-83
**L-Ewwel Diviżjoni Reserves:**
1955-56; 1958-59; 1962-63
**Fair Play Trophy:** 1973-74
**L-Ewwel Logħba fil-Kampjonat:**
03-12-1911 v Floriana FC 0-2
**L-Ewwel Logħba fit-Tazzi Ewropej:**
14-09-1983 v Dundee United FC 0-3 - Tazza tac-Champions

# "Qed naħdem f'ambjent ikkwalifikati" - Marco Gerada, Coach Ħamrun

***Kif bdejt il-karriera tiegħek bħala coach?***

Minn dejjem kelli x-xewqa li nsir coach. Wara li attendejt għal xi korsijiet tal-*coaching*, ingħaqadt ma' Kalkara United, fit-Tielet Diviżjoni, fejn hemmhekk ingħatajt iċ-ċans biex nibda nikseb l-esperjenza b'mod gradwali.

Eventwalment ġejt ikkuntattjat minn St. George's biex ningħaqad magħhom. Kienet opportunità tajba għalija fejn mexxejthom għar-rebħ ta' l-Ewwel Diviżjoni kif ukoll il-promozzjoni għall-Kampjonat Premier.

***Ħamrun Spartans wara żewġ staġuni fit-tmun ta' St. George's. X'differenza sibt bejn l-aktar klabb antik Malti u dak li huwa meqjus minn fost l-aktar li rebaħ unuri?***

Sibt differenza kbira. Il-fatt li tliet staġuni ilu St. George's kienu jilagħbu fit-Tielet Diviżjoni kienu llimitat biex jibnu struttura tajba li tippreparahom għall-ogħla livell.

L-istruttura fil-klabb ta' Ħamrun Spartans hija totalment differenti minħabba li jippossjiedu waħda mill-aqwa Nurseries f'Malta u kif ukoll għandhom bosta coaches ikkwalifikati u fuq kollox il-ground tagħhom stess. L-infrastruttura hija mportanti ħafna.

***Għaliex għażilt lil Ħamrun Spartans meta bosta kienu dawk il-klabbs li wrew interess fis-servizzi tiegħek?***

Il-ħbiberija u r-rispett li għandi lejn Stefan Sultana kienet determinanti u strumentali għall-għażla ta' Ħamrun Spartans. Barra minn hekk ħdimt mill-qrib ma' Marco Grech waqt li konna fuq korsijiet tal-*coaching* flimkien.

Naf li dawn iż-żewġ persuni huma serji, dixxiplinati u fuq kollox dedikati fix-xogħol tagħhom. Għaldaqstant antiċipajt li se naħdem f'ambjent trankwill ħafna.



Marco Gerada jitkellem ma' l-assistent tiegħu Marco Grech u ma' Stefan Sultana

***Inti rnexxielek tieħu miegħek lil Alfred Effiong mingħand St. George's. Jekk illum stess tingħaqad ma' xi team ieħor, liema players iġġorr miegħek?***

Ma nistax ngħidlek ħabta u sabta. Dan jiddependi mis-sitwazzjoni u mill-konsegwenzi li nkun fihom dak il-ħin. Irrid nevalwa u nistudja kull sitwazzjoni.

Nistqarr li fit-team Ħamruniż hemm bosta players b'talent straordinarju iżda ma jagħmel l-ebda sens li jkolli għad-dispożizzjoni tiegħi attakkant meta jkolli bżonn difensur. Għalhekk kif diga' stqarrejt irrid nevalwa kull sitwazzjoni.

***X'taħseb li jonqos fl-iskwadra Ħamruniża biex tagħtik is-sodisfazzjon mixtieq minkejja li tippossjiedi esperjenza mħallta mat-talent żagħżugħ?***

Għal dak li bassarna fil-bidu ta' l-istaġun, ir-riżultati diġà qed jagħtuna sodisfazzjon kbir. Irridu nkunu modesti biżżejjed, għadna kif ksibna l-promozzjoni u mhux qed nistennew affarijiet kbar.

In-nuqqas tagħna huwa li ma għandniex skwadra kbira biżżejjed biex nibqgħu nilagħbu bl-istess livell u għalhekk taf titlef xi ftit mill-konsistenza. L-aktar meta jkollna players neqsin minħabba injuries u sospensjonijiet bil-konsegwenza li r-ritmu ma jibqax l-istess. Dan minħabba li bosta mis-sostituti huma neqsin mill-esperjenza ta' l-ogħla diviżjoni.

***Xi pjani għandek għall-futur?***

L-objettiv tiegħi personali huwa li ningħaqad ma' team li jisfida għall-unuri. Bħalissa ninsab kuntent ħafna ma' Ħamrun Spartans minħabba li qed nikseb esperjenza kbira mdawwar b'coaches li dejjem lesti li jagħtuni l-għajnuna tagħhom. Ma nistax nistaqsi għal aktar.

Nemmen li bl-istruttura li għandu dan il-klabb, fil-futur qrib, jista' jkun wieħed mill-klabbs ewlenin fil-Premier. Ma tkun l-ebda sorpriża li nibqa' naħdem fil-kamp Ħamruniż minħabba li r-rispett huwa wieħed reċiproku bi pjan fit-tul. Irrid nibqa' nuri l-kredenzjali tiegħi biex finalment nirbaħ il-fiduċja ta' kulħadd.

***L-iskwadra Ħamruniża hija komposta minn għadd ta' players minn dan il-lokal stess. Kemm tara determinazzjoni, entużjażmu u passjoni minn dawn il-players?***

Il-fatt li bosta mill-players huma mill-Ħamrun stess tagħmel differenza kbira. Il-fatt li juru l-qalb u l-passjoni fil-ground dan huwa ta' vantaġġ kbir għat-team. Issa ilhom jilagħbu flimkien, tant, li bnew intuwizzjoni bejniethom u kulħadd jilgħab għal kulħadd fi sforz kollettiv. Infatti rari tara li xi player jispikka fuq ħaddieħor għax l-ideoloġija tagħna hija li nilagħbu bħala team, nirbħu bħala team u nitilfu bħala team. Il-motto tagħna huwa l-"Għadqa".

***Kemm tagħtik kunfidenza l-għajta tal-partitarji Ħamruniżi u kemm tixħet pressjoni fuqek?***

Jien bniedem li dejjem inħares lejn il-pożittiv tal-ħajja u nemmen li għal kull problema hawn is-soluzzjoni. Għalhekk ma nħallix il-pressjoni tirkibni. Hija realtà li xi kull tant ikun hemm problemi li ħadd ma jkollu kontroll fuqhom iżda ma nħalli l-ebda problemi tixħet pressjoni kbira fuqi.

Lejn l-aħħar tas-snin tmenin lgħabt għal erba' staġuni ma' Valletta u r-rivali eterni kienu Ħamrun Spartans meta dawn iż-żewġ timijiet kienu minn fost l-isfidanti ewlenin għar-rebħ ta' l-unuri bil-partitarji rispettivi kienu jimlew kull rokna ta' l-Istadium Nazzjonali.

Illum jien aktar konxju ta' l-għajta tal-partitarji Ħamruniżi. Fl-aħħar partita, dik kontra Valletta, l-appoġġ Ħamruniż kien l-istimolu u l-motivazzjoni għall-iskwadra kollha. Nistqarr li waqt l-imsemmija partita, imtlejt b'kuraġġ kbir li għeni biex immexxi t-tim b'aktar awtorità. Nemmen li l-appoġġ tal-partitarji huwa t-12-il player fil-ground.

***Int għedt li l-pressjoni ma tħallihiex tirkbek. Iżda jekk tkun f'sitwazzjoni li jkollok ir-riżorsi finanzjarji neċessarji, b'akkwisti ta' players ta' livell għoli iżda r-riżultati jkunu diżappuntanti, x'tagħmel?***

Mistoqsija diffiċli. Huwa aktar faċli li ngħid kif se nsolvi l-problema iżda rrid inkun f'dik is-sitwazzjoni biex inwieġbek bi preċiżjoni.

Naħseb li f'sitwazzjoni bħal dik, l-ewwel li ma nagħmel huwa li nipprova nneħħi l-pressjoni minn fuq kulħadd. Mhux faċli. Iżda biex wieħed jikkonċentra fuq il-logħob tiegħu jrid ikun f'ambjent trankwill u 'l bogħod minn kull distrazzjoni.

Iżda l-akbar problema tkun il-pressjoni li jixħtu l-partitarji u f'xi każi l-amministrazzjoni wkoll li f'sitwazzjoni bħal din ikunu qed jippretendu li t-tim jirbaħ kull logħba. Ma rridx niġi miftiehem ħażin imma minħabba l-lealtà u l-imħabba li kull partitarju u diriġent għandu lejn il-klabb tiegħu, dan jippretendi li joħroġ mill-Istadium bi tbissima fuq fommu wara kull logħba. Kull partitarju jrid jifhem li l-paċenzja hija l-aqwa virtù.

# trankwill u ma' coaches s.




**Formazzjoni tipika dan l-istaġun**

1. Michael Falzon
2. Mark Anthony Bonnici
3. John Debattista
4. Roderick Fenech
5. Precious Monye
6. Steve Meilak
7. Alfred Effiong
8. Rupert Mangion
9. Gaetan Spiteri
10. Ryan Fenech
11. Stefan Sultana

***Dan huwa t-tieni staġun tiegħek fil-Kampjonat Premier wara li l-istaġun li għadda int mexxejt lil St. George's. Għaldaqstant għadek fil-proċess li tikseb l-esperjenza kollha meħtieġa. X'tikkummenta?***

Ma' kull logħba li ninżel fuq il-bank dejjem nitgħallem xi ħaġa ġdida. Il-Premier huwa kampjonat diffiċli u għalhekk kull coach irid jagħraf kif jorganizza lill-players tiegħu u jżommhom konċentrati.

Id-diżappunt huwa l-aqwa mediċina għas-suċċess. Niftakar kif l-istaġun li għadda, meta kont coach ta' St. George's, konna qed negħlbu lil Sliema Wanderers bl-iskor ta' 2-1 iżda fl-aħħar tliet minuti tal-partita huma dawru l-iskor favur tagħhom għal 3-2.

Din it-telfa ħallitni nirrifletti d-diżappunt għal jiem sħaħ issa fl-istess waqt immaturatni. Osservajt bosta indeċiżjonijiet li llum nisħaq biex ma jsirux. Kull diżappunt huwa esperjenza ġdida. Il-vantaġġ tiegħu huwa tagħlima ġdida.

***L-FA Trophy ġġib magħha memorji sbieħ li ġibdet l-eluf ta' partitarji lejn l-istadium, l-aktar lejn l-Empire Stadium, il-Gżira. L-ispettaturi tal-lum huma biss frazzjoni taż-żminijiet l-imgħoddija. Għaliex taħseb li n-nies naqsu milli jattendu għal-logħbiet prinċipali?***

Il-logħob fit-toroq huwa l-effett ta' dan kollu. Fis-snin sebgħin u qabel, l-imħabba lejn il-logħba tal-football kienet tibda mit-toroq li kienu jkunu miżgħuda bit-tfal f'kull lokalità.

Kulħadd kien konċentrat fuq il-football u kull partitarju kien imur lejn l-istadium biex isegwi lit-team tiegħu. Iżda l-progress tal-ħajja ġab miegħu rigress f'dan il-qasam.

Konsegwenza ta' dan, il-logħob tal-ballun fit-toroq sparixxa u t-tfal bdew aktar jikkonċentraw fuq il-logħob elettroniku u l-computers.

Il-ħolma ta' kull tifel ma baqgħetx li jsir player ma' team kbir. Barra minn hekk, illum, it-tfal għandhom ħafna għażliet fil-ħajja biex il-football ma baqax il-priorità fil-ħin liberu tagħhom.

***X'pożizzjoni qed tantiċipa għal Ħamrun Spartans dan l-istaġun u x' taħseb fuq il-format ta' kif inhuwa mqassam il-Kampjonat Premier, b'żewġ fażijiet fejn jinqasmu l-punti fi tmiem l-ewwel fażi?***

Nemmen li jekk il-players jibqgħu jżuru l-istess ritmu ta' logħob u determinazzjoni fil-logħob tagħhom, fit-tieni fażi nkunu ma' l-ewwel sitta.

Jekk għal xi raġuni jew oħra nilagħbu fir-Relegation Pool naħseb li jkollna punti biżżejjed biex fit-tieni fażi nsalvaw mir-relegazzjoni.

Nerġa' nisħaq li mhux qed nippretendi affarijiet kbar iżda l-prospetti huma sbieħ.

Fir-rigward tal-Kampjonat Premier, jien ma naqbilx mal-format tiegħu u wisq aktar ma jogħġobnix iż-żmien meta jintlagħab. Ma tagħmel l-ebda sens li l-Kampjonat tagħna jibda fix-xhur sħan ta' Awissu biex matul dan iż-żmien, l-aħjar żmien biex jintlagħab il-football (Ottubru u Novembru), il-kampjonat jieqaf għal ħames ġimgħat.

L-infrastruttura tgħinek tgħolli l-livell tiegħek, players bħal Michael Mifsud huma eżempju ta' dan. Telaq żgħir minn Malta u bl-esperjenza li għamel fil-kamp professjonali kiseb livell eċċezzjonali. Jekk tirranġaw is-sitwazzjoni tagħkom, kif wasal Michael żgur jaslu ħafna aktar players.

***L-aħħar kelma fuq it-tfal Maltin, x'laqtek l-aktar fihom?***

It-tfal tagħkom teknikament huma tajbin iżda meta wieħed iħares lejn il-fiżika - hemmhekk ftit inqas.

Fl-Ingilterra ż-żgħażagħ jagħmlu prog-ramm biex jiżviluppaw aktar il-muskolatura tagħhom. Importanti wkoll li jkollkom coaches tajbin li kapaċi jiżviluppaw il-potenzjal tat-tfal tagħkom.

# Overseas jegħlbu lil Alligators f'logħba sabiħa

| | |
|---|---|
| Alligators..... | 0 |
| Overseas..... | 31 |



Azzjonijiet mill-logħba bejn Alligators u Overseas



Nhar is-Sibt li għadda, Globalair Overseas, taħt it-tmexxija tal-coach il-ġdid tagħhom, l-ex player tan-nazzjonal, Philip Felice, kisbu rebħa tajba fuq Alligators Cisk Export.

Fil-bidu tal-logħba, l-Overseas sabuha diffiċli biex jiftħu l-iskor. Minkejja li ddominaw l-ewwel ħinijiet ta' dan l-konfront ma kienux daqstant effettivi.

Il-flyhalf ta' l-Alligators, Jamie Acheson kien ta' theddida kontinwa għall-Overseas bil-veloċità u l-kontroll personali. Iżda mal-ħin Overseas tjiebu ferm biex il-flanker ta' ġewwa, Andy O'Reilly għamel tliet tries li poġġewhom f'sitwazzjoni aħjar biex jikkontrollaw il-logħba.

Timithy Womack, Bepper Sammut u Jamie Acheson ippruvaw jagħmlu reazzjoni mmedjata għat-team ta' l-Alligators iżda t-team avversarju irnexxielu jikkontrolla kull sitwazzjoni mingħajr wisq tbatija. Anzi, kien id-debuttant, Clayton Cassar, li kompla jkabbar il-vantaġġ għat-team ta' Overseas b'żewġ tries.

Minkejja li din il-logħba ma laħqitx l-aspettattivi mixtieqa, stajna naraw l-ispirtu kumbattiv ta' Alligators Cisk Export, li b'mod gradwali qed jitjiebu u żgur li se jkunu sfida denja fil-futur qrib. B'din ir-rebħa, Overseas issa telgħu fit-tieni post wara l-leaders Kavallieri York Cisk Excel.

F'din il-logħba rajna wkoll zewġ touch judges nisa li għadhom kemm temmew il-kors ta' referees. Forsi min jaf ... xi darba naraw l-ewwel referee Maltija tikkontrolla logħbiet fil-livell internazzjonali.

Il-player tal-logħba kien ir-right lock tal-Globalair Overseas Clayton Cassar.

FIRA AER Association Européenne Rugby

**FIRA-AER Tazza tan-Nazzjonijiet**
**10.11.2007 – Makarska, Kroazja**

**Kroazja** .............. 24
**Malta** .............. 9
**HT 17-3**

**Formazzjoni tat-Team Malti:**

**Malta** – I.Borda, H.Collins, L.Mifsud, D.Borg, D.Psaila, M.Whitney, S.Kempster, G.Kennedy (c), J.Finlason, R.Spiteri, L.Culnane, T.Watts, D.Busutill, N.Warren, O.Sacco.

Sostituti - T.Webb, M.McArdle, S.Zarb, M.Mirabelli, J.Bartolo, M.Attard, R.Borg

Coach – Damian Neill

**Referee** - C.Jones (Awstrija)

**Skorers** - Penalties - Spiteri x1, R.Borg x2

**Kampjonat Cisk Lager**
**10.11.2007 – Marsa** **HT 0 - 14**

**Alligators** .............. 0
**Overseas** .............. 31

**Alligators** – A.Cutajar, T.Micallef, P.Caruana, L.Xuereb, S.Strijbosch, T.Muscat, M.Mamo, T.Womack. B.Sammut, J.Acheson, M.Abdilla, M.Farrugia (c), M.Bianchi, K.Grixti, R.Parnis England

Sostituti - I.Sullivan, M.Sullivan, S.Cordina, J.Busutill, A.Pace, C.Sammut, A.Hillman

Coach – Barry Von Moll

**Overseas** – S.Schembri-Warren, D.Goodwin, P.Camilleri, T.Devaney, C.Cassar, A.O'Reilly, J.Howland (c), P.Allen, D.Mifsud Bonnici, J.Barlogio, D.Azzopardi, G. Van Reevan, C.Cachia, P.Sparling, D.Judd

Sostituti - A.Thompson, N.West, S.Jones, K.Tonna, B.Dalton, E.Axisa, T.Piavarinta

Coach Philip Felice

**Referee** - Samuel Ramage

**Skorers** - Tries - Cassar x2, O'Reilly x3
Conversions - Sparling x2, Karl Tonna

**Player Tal-Logħba** - Clayton Cassar

| Klassifika | Logħob | Pti |
|---|---|---|
| Kavallieri York Cisk Excel | 1 | 5 |
| Globalair Overseas | 1 | 5 |
| Stompers TGI Fridays | 1 | 5 |
| Alligators Cisk Export | 2 | 0 |
| Budweiser Qormi Sharks | 1 | 0 |



Azzjoni mill-logħba Malta v Kroazja ta' l-ewwel round

# Malta titlef fil-Kroazja

| Final Standings | L | R | D | T | P |
|---|---|---|---|---|---|
| Polonja | 6 | 5 | 0 | 1 | 16 |
| Kroazja | 6 | 3 | 0 | 3 | 12 |
| Latvja | 4 | 3 | 0 | 1 | 10 |
| Andorra | 5 | 1 | 0 | 4 | 7 |
| Malta | 5 | 1 | 0 | 4 | 7 |

**Kroazja..... 24**
**Malta..... 9**

Nhar is-Sibt li għadda, it-team nazzjonali Malti tar-Rugby kien impenjat f'konfront kontra l-Kroazja, f'Makarska.

It-telfa ta' 24-9 ma tagħtix stampa ċara ta' l-andament tal-logħba minħabba li l-Maltin gawdew ħafna mill-pussess tal-ballun għal bosta ħinijiet. Iżda n-nuqqas ta' konċentrazzjoni wasslet għal bosta żbalji elementari biex il-Kroati approfittaw bil-konsegwenza li rebħu dan il-konfront.

Dan kien it-tielet konfront bejn Malta u l-Kroazja b'dawn ta' l-aħħar joħorġu rebbieħa f'żewġ okkażjonijiet.

Ta' min isemmi li fl-iskwadra Maltija kien hemm biss erba' players li jilagħbu fil-kampjonat Malti bl-oħrajn ikunu magħżula minn kampjonati barranin.

It-team Kroat għalaq l-ewwel taqsima b'vantaġġ ta' 17-3, grazzi għan-nuqqas ta' konċetrazzjoni tal-players Maltin. Il-punti ta' Malta waslu minn penalty ta' Rohan Spiteri

Fit-tieni taqsima l-coach nazzjonali, Damian Neill, għamel bosta tibdiliet fl-iskwadra fejn utilizza lil Ryan Borg ta' Cronulla Sharks ta' l-Awstralja, mossa li ħalliet impatt pożttiv hekk kif l-istess player skorja żewġ penalties oħra biex għamel l-iskor 17–9 favur il-Kroazja.

It-tamiet tal-Maltin ħadu daqqa ta' ħarta meta lejn it-tmiem il-Kroati skurjaw try u conversion ieħor biex għamlu l-iskor finali 24–9.

Nhar is-Sibt li ġej Malta tilgħab logħba oħra mit-Tazza tan-Nazzjonijiet ta' l-Ewropa kontra l-Latvja, fil-Corradino Ground.

Din hija l-ewwel darba li Malta ser tilqa' lil Latvja f'pajjiżna. Fil-passat intlagħbu żewġ logħbiet fejn kull team akkwista rebħa.

Fl-aħħar ħarġiet tagħhom kemm Malta u kif ukoll Latvja ħarġu telliefa kontra l-Kroazja u l-Polonja rispettivament.

It-team Malti, li jinsab fit-53 post fir-rankings ta' l-IRB, se jkun qiegħed jagħmel minn kollox biex jegħleb l-isfida tal-Latvja li jinsabu fil-41 post tar-rankings.

Ir-referee ta' din il-logħba se jkun is-Sur Meersman mill-Unjoni Belġjana u s-Sur Megha mill-Unjoni Taljana se jkun il-kummissarju tal-logħba.

L-iskwadra għad-dispożizzjoni tal-coach nazzjonali, Damian Neill ser tkun:

Daryl Psaila (Overseas RUFC,Malta), David Borg (Kavallieri RFC, Malta), Dominic Busuttil (Beddau RFC, UK), Guy Kennedy (Queanbeyan Whites RFC, Australia), Harry Collins, UK), Ian Borda (Kavallieri RFC, Malta), James Finlason (Hove RFC, UK), Justin Bugeja (Lıverpool John Mooes, UK), James Bartolo (Edinburgh Academicals, UK), Rohan Spiteri (Goulburn Stockmen RFC, Australia), Lee Culnane (Tuggranong Vikings RFC, Australia), Leonard Mifsud (Stompers, Malta), Malcolm Attard (Stompers, Malta), Matthew Mirabelli (Stompers, Malta), Michael Whitney (TRoyal Agricultural College Cirencester, UK), Michael McArdle (Ealing RFC, UK), Oliver Sacco (clifton RFC, UK), Ryan Borg (Cronulla Sharks RFC, Australia), Saviour Zarb (Easts Rugby Canberra RFC, Australia), Steven Kempster (Tring RFC, UK) Thomas Webb (Eton Manr RFC, UK), Thomas Watts (Old Coventrians, UK).

# Dixon jirbaħ




Scott Dixon





# konfront bilanċjat





Il-ġlieda boxing tant mistennija bejn il-Malti, Ludvic Muscat, u l-Iskoċċiż, Scott Dixon, li saret nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Novembru, fil-padiljun tal-basketball, f'Ta' Qali, spiċċat b'rebħa għal dan ta' l-aħħar, li iżda kellu jitħabat biex jiġi dikjarat rebbieħ meta għamel dan bil-punti.

Quddiem 2,500 spettatur il-ġlieda żvolġiet f'waħda bilanċjata fejn Muscat wera li kien sfida denja wara li Dixon aktar kmieni din is-sena għeleb liż-żewġ Maltin Dione Galea u Steve Aquilina.

Kien hemm bosta aspettattivi għal din il-ġlieda li ma ddiżappuntatx lil dawk li attendew fejn il-boxer Malta ħa vantaġġ fl-ewwel rawnd u kompla fejn ħalla fit-tieni wieħed.

Iżda fit-tielet wieħed Scott ħareġ jiddefendi tajjeb kontra x-xellugija ta' Muscat, li sa dak il-ħin kienet l-aqwa arma tiegħu.

Sal-ħames rawnd Muscat kien għadu qed jillidja (fil-punti) fejn dawk kollha preżenti bdew jirreċiprow b'għadd ta' ċapċip u għajjat ta' approvazzjoni lejn il-boxer Malti.

Iżda ġara li l-boxer tilef ir-ritmu u l-konsistenza minħabba li l-ġlieda kellha tieqaf b'mod temporanju (għal madwar sitt minuti) minħabba li nqalgħu xi nċidenti fost il-pubbliku preżenti. Dak il-ħin indaqqet il-qanpiena biex jinbeda s-sitt round.

Kif reġgħet issokktat l-azzjoni, kien hawn li Scott Dixon wera l-esperjenza tiegħu li gradwalment beda juri titjib fil-kumbattiment tiegħu bil-konsegwenza li anke beda jiddomina lill-avversarju tiegħu.

Iżda, fis-seba' round Muscat beda jirreċiproka l-attakki ta' Dixon biex intemm fi draw ġust.

Kien hemm stennija kbira għat-tmien u l-aħħar round minħabba li dan il-konfront kien għadu ndeċiż u li seta' mar kull naħa.

Bil-pressjoni dejjem tikber fuq Dixon, dan deher xi ftit kawt, tant, li ma ħalliex lill-avversarju tiegħu milli juża s-sistema tat-tattika b'daqqiet qosra mill-qrib biex anke ġie mwissi mir-referee għal diversi drabi.

Iżda l-ex champion tad-dinja, Dixon, xeħet lil Muscat f'diffikultà kbira b'*right-hook* fuq geddumu li deher anke jitlef xi ftit il-bilanċ.

Kien hawnhekk li Dixon kien determinanti biex kiseb il-punti neċessarji u jiġi dikjarat rebbieħ.

Il-magażin **SPORTIV** ħa kumment tal-boxer Malti, li għalkemm ħareġ tellief minn dan il-konfront żgur li ma ġiex umiljat. Xhieda ta' dan huwa li fi tmiem il-ġlieda rċieva ovazzjoni tremenda minn dawk kollha preżenti u anke daħal lura lejn id-dressing room merfugħ fuq l-ispallejn.

"Meta wieħed iqis li ġġilidt kontra ex-champion tad-dinja, inħossni sodisfatt bil-prestazzjoni tiegħi iżda fl-istess waqt diżappuntat minħabba li kont ftit 'il bogħod minn rebħa.

"Dan minħabba li sa l-aħħar konna f'parità li jfisser li għandi l-potenzjal li niġġieled kontra Dixon li għal din il-ġlieda kien fl-aqwa kundizzjoni tiegħu.

"Il-kummenti ta' Dixon - "Muscat iġġieled kontra ċ-champion tad-dinja" - jimmotivawni aktar għall-futur minħabba li dan tani l-aqwa ċertifikat tal-wirja tiegħi."

Mistoqsi minn dan il-magażin jekk hux ippjanat li jerġa' jisfida lil Dixon fil-futur, Muscat wieġeb:

"Iva. Qegħda fil-ħsibijiet tiegħi li nerġa' nisfida lil Dixon. Iżda għad trid tittieħed deċiżjoni finali mit-team kollu.

"Irrid fl-aħħarnett nirringrazzja lil dawk kollha li ġew u tawni l-appoġġ waqt din il-ġlieda. Nista' ngħid li kienu l-injezzjoni u l-ispirazzjoni għalija.

"Din il-ġlieda wriet ukoll li fl-isport tal-boxing kollox huwa possibbli. Dan minħabba li jien ninsab fil-kategorija ta' l-amateur u ġġilidt kontra ex-champion tad-dinja.

"Forsi ħafna ħasbu li ma' l-ewwel żewġ rounds, Dixon kien se jirbaħ dan il-konfront. Iżda l-perseveranza, permezz tas-sagrifiċċji personali, uriet mod ieħor.

"Dan huwa l-messaġġ li rrid ngħaddi lil kull boxer Malti," temm jgħid Muscat.



Ludvic Muscat



Jamie Caruana wara li għeleb lil Danny Carr







Ronald Barbara fl-azzjoni kontra Irish Damo


Jamie Caruana fl-azzjoni kontra Danny Carr



Chris Mintoff jiddefendi kontra Chris Debono



Ryan Wright li tilef kontra Billy Corito

## Riżultati tas-Supporting Bouts

Jamie Caruana għeleb lil Danny Carr bil-punti

Irish Damo għeleb lil Ronald Barbara bil-punti

Danny Boy għeleb lil Jamie Algar, b'knock-out fir-raba' round.

Yousaf Shah għeleb lil Darren Agius bil-punti.

Billy Corito għeleb lil Ryan Wright b'knock-out fit-tielet round.

Chris Debono għeleb Chris Mintoff bil-punti.



Dione Galea jiddefendi kontra Mark Thornton



Darren Agius fl-azzjoni kontra Yousaf Shah

# L-istorja tal-ħajja 'Big Boy'



## Min hu Fred Vella

Fred Vella, Malti-Awstraljan u espert fil-qasam tal-karate bena reputazzjoni għalih innifsu fl-Arti Marzjali, fil-kontinent Awstraljan.

Huwa kiteb l-istorja ta' Charlie "Big Boy" Cutajar bħala tislima xierqa fit-tentattiv li tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra.

L-awtur ta' dan il-ktieb twieled u trabba fil-Gżira, u fl-1956, emigra lejn l-Awstralja flimkien mal-familja tiegħu.

Vella jgawdi popolarità kbira fl-Awstralja wara li fetaħ bosta skejjel għat-tagħlim ta' kull kumbattiment fl-Arti Marzjali, b'attendenza ta' aktar minn 40,000 student.

Huwa l-editur ukoll tal-magażin "Australasia Karate Journal" li eventwalment sar il-leħen ta' l-Arti Marzjali fl-Awstralja kif ukoll fix-xlokk ta' l-Asja.

Wieħed ma jistax ma jsemmix li Vella għandu r-rekord tad-dinja li kisser dar b'idejh, li kienet magħmula minn 20,000 brikk, f'ħin ta'17-il siegħa u 10 minuti.

Huwa għamel dan biex jinġabru fondi biżżejjed biex tinxtara makna tal-kliewi għal wieħed mill-isptarjiet f'Malta.

**minn E.J. 04**

Dak in-nhar kelli 11-il sena. Il-ġlieda niftakarha sew. Mezzi tax-xandir kien limitat ħafna iżda sa minn ġimgħat qabel kull Malti kien mgħarraf bil-preparazzjoni li kien qed jagħmel il-boxer Charlie "Big Boy" Cutajar.

L-istaġun tal-football kien fl-ewwel jiem tiegħu u għaldaqstant matul is-sajf kull dilettant sportiv kien iffokat fuq l-akbar ġlieda boxing li qatt kien hawn fil-Gżejjer Maltin.

Waslet il-ġlieda .... għaddiet .... u l-akbar tellief kien proprju Charlie minħabba li xi sigħat wara miet wara li qatt ma ġie fis-sensi tiegħu minn daqqa mortali.

Inkiteb ktejjeb fuq il-ħajja ta' Charlie u kien għall-bejgħ fl-Awstralja. Wieħed minnhom wasal għandi u erfajtu.... għaddew is-snin .... u erġajt sibtu nfilsat bejn magazines oħra ... ġietni idea biex permezz ta' **SPORTIV** nerġgħu nghixu l-ħajja ta' Charlie permezz ta' traduzzjoni dak li għoġbu jikteb l-awtur, Fred Vella. Huwa ktejjeb eċċezzjonali għal dawk in-nies li għexu l-esperjenza tal-"Big Boy"....

**L-istorja tibda hekk -**

L-isem ta' Charlie "Big Boy" Cutajar żgur li jibqa' fil-memorja bħala l-bniedem li miet fit-tentattiv li jpoġġi l-isem ta' Malta fuq il-mappa nternazzjonali tal-boxing.

Iżda fl-istess waqt wieħed qatt ma seta' jantiċipa jekk Charlie kienx se jilħaq l-obbjettiv ewlieni tiegħu.

Il-fatt reali jibqa' dik id-daqqa ta' ponn fatali waqt il-ġlieda ta' nhar il-Ħadd, 1 ta' Settembru, 1974, li swiet il-ħajja ta' Charlie u temmet kull tama tad-dilettanti Maltin ta' dan l-isport li xi darba jaraw boxer Malti li jagħmel il-grad fix-xena internazzjonali.

Charlie kien bniedem popolari fi żmienu u saħansitra għadu rrispettat sal-lum minkejja li ilu mejjet għal dawn l-aħħar 33 sena. Il-mewta traġika tiegħu kienet unika fl-istorja tal-boxing f'Malta.

Wara ġimgħat ta' investigazzjoni fejn bosta nies kienu nterrogati, il-ktieb ta' Fred Vella jippreżenta l-fatti kollha kif qatt ma ġew żvelati f'pubblikazzjoni oħra.

Jew aħjar dan il-ktieb jippreżenta l-awtobijografija ta' Charlie nnifsu permezz tiegħu stess, il-ġenituri Carmela u Saviour, ħutu, il-mara Anne u mill-ħbieb tiegħu li għexu u segwew il-ħajja tiegħu mill-qrib.

Il-mod li bih miet Charlie qajjem għagħa kbira fil-pajjiż għal xhur sħaħ, saħansitra bi spekulazzjonijiet u għajdut infondati li ħallew lil kulħadd mingħajr tweġiba.

Iżda f'dan il-ktieb wieħed isib stejjer u intervisti fattwali, 'il bogħod minn dak li ntqal fil-ħwienet tax-xorb, fil-kantunieri u fit-toroq.

F'waħda mill-intervisti, Dr. Joseph Vella, li eżamina lil Charlie qabel il-ġlieda kontra l-boxer Taljan, Francesco Piccanelli, jagħti tagħrif dettaljat dwar l-effetti ta' dik id-daqqa fatali li nnokkjat għal kollox lil Charlie fir-raba' round.

Ir-referee, Jim Sawyer, isostni wkoll kif fl-ebda mumenti ma ħass il-ħtieġa li kellu jwaqqaf il-ġlieda. Il-coach, Joe Fava, ifisser kif ma riedx jemmen għal mod kif ġie "maqtul" boxer bħal Charlie li kien mibni u kellu statura ta' gladjatur u li kien imħarreġ sew għal dan it-tip ta' sport.

Min-naħa tal-promotur, Willy Apap, li għal 17-il sena ħadem bla waqfien biex iqajjem dan l-isport fil-popolarità tiegħu, ifisser kif 13-il minuta kienu detrimentali biex qerdu t-tamiet kollha biex jiġu organiżżati ġlidiet b'mod regolari u konsistenti.

Il-mewta tal-"Big Boy" ħalliet impatt negattiv fost l-isportivi Maltin biex għal snin sħaħ il-boxing f'Malta sar tabù.

Mill-ħarġa li jmiss il-magażin **SPORTIV** se jippubblika l-istorja ta' Charlie "Big Boy" Cutajar kif inkitbet minn Fred Vella u Joe O'Brien. Dan il-ktejjeb inkiteb (bl-Ingliż) eżatt wara l-mewta traġika tal-boxer Malti biex tingħata l-aħħar tislima lil wieħed mill-aktar sportivi popolari f'pajjiżna.

# ta' Charlie



# Il-logħba tagħna għa il-pajjiż iżda l-pajjiż f

# - Pawlu Mifsud

minn Björn Vassallo

Ċempiltlu biex niltaqgħu. Ilni nafu iżda qatt ma kelli ċ-ċans naqsam miegħu l-emozzjonijiet li għadda minnhom. Qabad it-telefon u qalli li kien qiegħed il-każin tal-banda Queen's Own, fl-Isla, l-istess każin li għal ħafna snin kien jirrappreżenta bħala player. Hemmhekk imdawwar ma' mejda bl-istikka f'idu kien qiegħed juri żewġ kolpi lil ħbieb tiegħu.

Pawlu Mifsud - min jaf kemm ġennen dilettanti, b'wirjiet eċċezzjonali fil-każini u kif ukoll fil-kamp internazzjonali. Kulħadd kien ikun imsammar jistenna r-riżultat finali wara xi logħba u l-istess meta Pawlu kellu inċident bil-mutur li żammu x-xhur 'il bogħod mil-logħob.

Pawlu maħbub fost in-nies! Beda jilgħab minn età żgħira f'Ħaż-Żebbuġ, ir-raħal fejn twieled u jgħix. Beda jilgħab ta' tmien snin, għalkemm ma kienx ilaħħaq mal-mejda, kien jitla' fuq kaxxa biex jilgħab. Minn dak il-perijodu għadda kemmxejn żmien mhux ħażin - minn tfajjel ċkejken fuq kaxxa sar ġgant tal-pannu aħdar u ġibed pajjiż sħiħ warajh, tant, li ingħata wkoll Ġieħ ir-Repubblika. Dawk li jiftakruh jilgħab jgħidu li dak kien l-aħjar żmien. Jien ma niftakrux iżda minn dak li qalli, ikolli nammetti li dak kien żmien sabiħ għall-Billiards u l-Isnooker, forsi żmien li ma jirrepeti ruħu qatt.

***Pawlu Mifsud, karriera twila, int u l-istikka. Kif beda kollox?***

Bdejt nilgħab minn żgħir, f'Ħaż-Żebbuġ. Il-kuġin tiegħi kien jieħu ħsieb is-sala ta' l-Isnooker u bejn kolp u ieħor bdejt nikber biex fl-1960 bdejt nilgħab mal-Każin ta' San Gejtanu, fil-Ħamrun.

***Wara kull atleta hemm persuna mportanti, dak li jagħraf talent fih jew dak li jpoġġih f'kundizzjoni li jirnexxi. L-istess għalik?***

Jien kelli ħafna ħbieb, dejjem ġrejt minn każin għall-ieħor fl-irħula u bdejt inrabbi l-esperjenza.



Pawlu Mifsud juri kolp lill-ħbieb tiegħu

L-akbar ezperjenza akkwistajtha meta irrapreżentajt lil Malta fil-Billiards, f'Londra, l-Ingilterra. Tgħallimt ħafna kolpi li baqgħu f'moħħi u minn hemm bdejt nagħmel progress konsiderevoli.

***Kemm inbidlet il-logħba minn żmienek għaż-żminijiet mgħaġġla tal-lum?***

Illum inbiddlet il-kundizzjoni aktar mill-logħba, differenza fl-istikkek, il-ġibs, it-takek, il-heaters taħt l-imwejjed minħabba l-umdu u affarijiet oħra li għamlu l-logħba aktar faċli.

***Wara karriera bħal tiegħek il-passjoni għal din il-logħba ma tmut qatt.....***

Trid tkun ġo fik .... il-passjoni trid tkun ġo fik. L-"Ingliża" kif insejħilha jiena, hija l-akbar passjoni tiegħi għaliex bil-boċċa l-bajda tista' tikkontrolla l-logħob kollu, biex tilgħab maskla, tiġi għal boċċa u tiddefendi.

***Il-Billiards u l-Isnooker wasslu isem Malta fil-quċċata mondjali, sodisfazzjonijiet kbar għalina. Int personali wkoll ksibt suċċessi kbar. Taħseb li fil-futur ikollna players fl-istess livell tiegħek, ta' Tony Drago, Ġużi Grech jew Alex Borg?***

Nittama li jkun hawn players oħra tal-kalibru tagħna u għaldaqstant nixtieq li jkun hawn min jasal daqsna. Ma nistax ngħid li hawn players preżenti ħżiena iżda dawn laħqu livell u baqgħu hemm.

Jien nemmen li biex wieħed jagħmel progress fil-logħob tiegħu, irid ikun mitfugħ fuq il-logħba biss minħabba li hawn wisq distrazzjonijiet għaż-żgħażagħ tal-lum.

***Kont champion tad-dinja kemm tal-Billiards u kif ukoll ta' l-Isnooker. Xi tgħidilna dwar l-esperjenzi tiegħek tas-sebgħinijiet u t-tmeninijiet?***

L-ewwel darba li wasalt sal-final ta' l-Isnooker kont qiegħed nikkompeti f'Johannesburg, fl-Afrika t'Isfel, fl-1976. Niftakar lgħabt kontra Doug Mountjoy ta' Wales, kont tlift 11-1 u għalkemm ħriġt tellief xorta waħda kienet esperjenza kbira.

Tliet snin wara kont irbaħt il-World Billiards Championship fi Sri Lanka. Irbaħt kontra Norman Dagley ta' l-Ingilterra. Kienet logħba tajba ħafna u niftakar kollox qisu l-bieraħ.

Fl-1980 wasalt sas-semi finali fil-kompetizzjoni mondjali ta' l-Isnooker, kont tlift ma' Jimmy White. Fl-1981, f'Malta kien sar tournament għall-players professjonali u kont irbaħtu jiena. Kienu pparteċipaw il-krema tad-dinja.

Eżatt wara kont spiċċajt għamilt xhur l-isptar minħabba l-inċident tat-traffiku li kelli.

Fl-1985 u fl-1986 irbaħt żewġ finali u sirt champion tad-dinja ta' l-Isnooker. Fiż-żewġ okkażjonijiet għelibt żewġ players minn Wales.

***Emozzjonijiet kbar, qatt kont toħlom li tasal fejn wasalt?***

Malta qatt ma kienet f'kundizzjoni li toffri l-aħjar lill-atleti tagħha. Konna neqsin mit-taħriġ u għajnuna finanzjarja ma kienx hemm. Il-logħba tagħna għamlet ħafna għal dan il-pajjiż, iżda dan il-pajjiż ftit irreċiproka lura. Jien waqaft nilgħab minħabba li ma kienx hemm għajnuna biżżejjed.

***Kellek karriera twila, żgur li hemm ġranet li tixtieq tinsa u oħrajn li se tibqa' tiftakar. Liema huma dawn?***

Bla dubju nixtieq ninsa il-ġranet ta' l-inċident li kelli u li wasal f'nofs il-karriera tiegħi. Min-naħa l-oħra, ir-rebħ tal-Kampjonati tad-Dinja kemm tal-Billiards u kif ukoll ta' l-Isnooker żgur li ma ninsihom qatt.

***Bħal kull sport ieħor ma tistax tilħaq l-għanijiet tiegħek jekk ma tkunx lest tagħmel sagrifiċċji kbar. X'inhuma is-sagrifiċċji marbutin ma' din il-logħba?***

Kull xogħol u kull sport għandu s-sagrifiċċji tiegħu. Trid tibda biex ikollok in-namur u l-imħabba ġo fik. It-taħriġ huwa sagrifiċċju fih innifsu iżda mbagħad il-prattika tagħmlek perfett b'possibbiltà kbira li tressqek lejn is-suċċess.

***Dejjem tilgħab u terġa' tilgħab, kolp wara kolp wara ieħor. Kemm hi mportanti l-psikoloġija f' dawn il-mumenti?***

Għal kull kolp li tilgħab trid taħseb

# mlet ħafna għal dan tit irreċiproka



f'ta' warajh. Fejn jidħol l-isnooker trid taħseb aktar minn hekk. Ma tistax tilgħab mingħajr pjan. Tara saħansitra players professjonali jiċċassaw quddiem boċċa faċli. Dawk huma l-mumenti li jrebbħuk il-logħba, mumenti li jfasslulek il-kolpi ta' wara.

***Hawn atleti li jilagħbu kolpi bil-ħeffa u oħrajn li jduru mal-mejda u jaħsbu qabel jilagħbu, int kif kont tagħmel?***

Jiena la kont niġri mal-mejda u lanqas indum biex nilgħab iżda kont nilgħab logħba normali. Nieħdu minn Tony Drago, ħabib tiegħi. In-nies forsi jikkritikawh li jgħaġġel mal-mejda. Jien ngħidlek li kieku kellu jieħu l-affarijiet aktar bil-mod kieku jiżbalja aktar għax dak il-ħin taħkmek it-tensjoni u tagħmel li jgħidlek moħħok.

***Bħala team irbaħt ukoll il-Continental Cup - team Malti champion ta' l-Ewropa, tragward meraviljuż għal pajjiżna.***

Dak in-nhar kienet taqtiegħa kbira, kemm it-team tagħna u kif ukoll it-tieni team Malti kienu b'saħħithom ħafna. L-ewwel team kien magħmul minni, Ġużi Grech u Alex Borg. L-avversarji kienu tajbin ħafna, iżda kont nemmen fil-potenzjal tat-team tagħna. Niftakar kien imissni nilgħab jien u ridt bilfors nirbaħ biex ngħaddu għall-final. Irbaħt u minn hemm qatt ma ħarisna lura biex bqajna għaddejjin.

***F'pajjiżna hawn Nurseries għal kull sport iżda mhux l-istess jista' jingħad għall-Billiards u l-Isnooker. Għaliex taħseb li mhux isir investiment f'dan l-isport li tana tant sodisfazzjon?***

Kien hawn żmien meta Skola Sport u l-Assoċjazzjoni kienu għamlu programm ta' taħriġ li jiġbor lit-tfal biex jitħarrġu f'din id-dixxiplina. Kienet bdiet fl-1996 u wara sentejn waqaf kollox. Ma nafx x'ġara. Hija ħasra. Dawn l-iskejjel biss jistgħu jerġgħu jagħtu ftit nifs lil-logħba. Illum il-logħba marret ħafna lura u mhux bħal dari tmur f'kull każin u ssib l-imwejjed miftuħin.

***Meta kien l-aħħar li irrappreżentajt lil Malta u għaliex iddeċidejt li tieqaf tilgħab?***

L-aħħar sena li ħadt sehem kien, fl-2001. Mort New Zealand nieħu sehem fil-Kampjonati tad-Dinja tal-Billiards. Kollox bit-terturi. Ftit jiem qabel kont għadni l-anqas naf jekk kienx possibbli nieħu sehem minħabba l-problema tal-finanzi.

Kont ħadt sehem wara li kont ġejt sponsorjat minn stazzjon televiżiv lokali, filwaqt li l-Assoċjazzjoni kienet qaltli li kelli l-akkommodazzjoni f'Singapore imħallsa u wara kollox dan ta' l-aħħar ma kienx minnu. Kont ħriġt ħafna flus jien minn buti. Skola ma nafx u miegħi ma ġie ħadd mill Assocjazzjoni. Dawn mhux kundizzjonijiet għax jew tmur biex tiffoka fuq il-kampjonat jew aħjar ma tmur xejn biex tispiċċa f'din il-medjokrità. Ma jistax ikun li tmur tirrappreżenta lil pajjiżek u toħroġ il-flus int. Dan id-diżappunt waqqafni mill-logħba.

***Jekk jinbidlu l-kundizzjonijiet terġa' tilgħab?***

Nilgħab? Issa bridt, l-anqas fuq it-televiżjoni m'għadni nsegwi. Jiena bridt ħafna mil-logħba u issa li waqaft m'għandi l-ebda ħsieb nerġa' lura. Nawgura li fil-futur il-kundizzjonijiet ikunu aħjar minn dawk li kienu fi żmieni.

***Nistgħu ngħidu li llum Pawlu Mifsud irtirat. Għadek issegwi dan l-isport u tiltaqa' mal-ħbieb ta' darba?***

Illum ftit insegwi. Ninżel l-Isla filgħodu u kultant nuri xi żewġ kolpi lil ħbieb tiegħi. L-Isla baqa' għal qalbi, ilni nilgħab hemm sa mill-1967 u meta mmur niltaqa' mal-ħbieb.

*L-aħħar logħba Snooker uffiċjali ta' Pawlu Mifsud kienet finali kontra Alex Borg fl-1998, fejn rebaħ u għal darb'oħra sar Champion ta' Malta.

*L-aħħar logħba Billiards uffiċjali ta' Pawlu Mifsud kienet il-final kontra Publius Grech, fejn rebaħ bl-iskor ta' 1456 - 788.



Pawlu Mifsud, Alex Borg u Ġużi Grech wara r-rebħ tal-European Continental Cup



Pawlu Mifsud Champion tad-Dinja ta' l-Isnooker, fl-1985 jirċievi t-trofew fi Blackpool

**Pawlu Mifsud**

| | |
|---|---|
| **Data tat-twelied:** | 03.02.1946 |
| **Post:** | Ħaż-Żebbuġ |
| **Debutt:** | 1954 |
| **Karriera:** | San Filep - Ħaż-Żebbuġ |
| | San Gejtanu - Ħamrun |
| | Sliema Sports Club |
| | Hellions Sports Club - Paola |
| | Queen's Own - Isla |
| | Każin 12 ta' Mejju - Ħaż-Żebbuġ |

# Offroad minn Għajn Tuffieħa



Jason Cassar



Derek Saliba

L-All Wheel Drive Club organiżżaw t-tieni tellieqa mill-kampjonat tal-vetturi Modified għall-istaġun 2007 / 2008.

It-tellieqa tat-tip speed saret f'Għajn Tuffieħa.

Il-korsa kienet varjata u sabiħa ferm, kien fiha minn kollox, biċċiet twal dritti, kantunieri iebsin, tlajja, inżul, għadajjar ta' l-ilma, tajn pjuttost fond u fatturi simili li jagħmlu tellieqa ta' dan it-tip interessanti. Korsa ta' madwar mil u nofs li entużjażmat lil dawk kollha preżenti.

Ix-xita li għamlet il-ġurnata ta' qabel għenet mhux bi ftit biex il-korsa timtela tajn u b'hekk iz-żlieq żdied ħafna.

B'riżultat ta' l-art imxarrba, l-istil ta' sewqan kien ferm differenti minn dak li kien fl-ewwel tellieqa ħames gimgħat qabel. Dakinhar, l-art kienet xotta u l-vetturi kellhom qabda tajba ma' l-art. Din id-darba, biż-żlieq, it-tidwir mal-kantunieri kien spettakolari ferm. Kienet esperjenza unika, b'vetturi li jiżnu qrib iż-żewg tunellati jsuqu b'velocità qawwija, jidħlu f'kantunieri u joħorġu laġenba.

It-tellieqa bdiet b'ġirja feroci lejn tlett tumbati wieqfin. It-twerżieqa tal-makni tat-tip V8 iddisturbat il-ħemda li kienet qed tirrenja fuq ix-Xagħra l-Ħamra. Minn hemm, il-vetturi kisru dawra iebsa 'l isfel u qabdu medda twila dritta mimlija għadajjar. Wara tidwir iebes, sabu ruħhom f'għadira tajn fonda li bdiet ittellef mhux ftit. Wara ħafna tidwir veloċi ieħor, reġgħu qabdu żewg toroq dritti li fihom bdew itellgħu veloċitajiet kbar. It-tiġrija intemmet b'inżul lejn tliet tumbati u b'ġirja lejn il-final.

Ovvjament, bħal kull tellieqa ta' dan it-tip, l-inċidenti ma naqsux. Żewġ kompetituri irtiraw f'nofs it-tellieqa, filwaqt li fit-tielet dawra, Matthew Gatt sofra minn CV joint imkissra.

Fir-raba' dawra John Scicluna kellu inċident sfortunat meta inqalgħetlu rota bil-bearing, hub, u brake disc. F'ħin minnhom, Alan Zahra wera determinazzjoni liema bħalha meta ħa *puncture* fil-bidu tat-tiġrija u baqa' jsuq fuq ir-rim sat-tmiem. It-tyre sar trietaq u sa l-aħħar ir-rim ma kien fadal xejn minnu. Meta wieħed jkkompara mal-ħsarat l-oħra, din ta' l-aħħar kienet ħsara minima li ma waqqfitx lil Zahra milli jkompli jikkompeti u jirbaħ it-tiġrija.

Kollox intemm għall-ħabta tas-6.30 p.m. meta kien diġà beda jidlam, bir-rebbieħ ikun Alan Zahra, segwit minn Jason Cassar u Matthew Grech li spiċċa fit-tielet post. L-aħjar lap time sar minn Alan Zarha b'ħin ta' 3 minuti, 7 sekondi u 55 millisekonda.



Alan Zahra



Pierre Tanti



Matthew Grech



Matthew Gatt

# Il-Karting iżid fil-popolarità

Fl-aħħar ta' Ottubru, il-Karting Club Malta organiżża l-ewwel avveniment tiegħu fil-korsa ta' Ħal Far. Il-Klassijiet kienu jvarjaw minn dawk tat-tfal, 100cc Water cooled, 125cc Racing u 125cc Restricted.

Fil-kategorija tat-tfal, Nicolai Aquilina u Craig Linstead kienu l-protagonisti, b'Aquilina jirbaħ il-pole position għall-ewwel tellieqa u Craig Linstead jirbaħ dik għat-tieni tellieqa.

Craig Linstead spiċċa rebaħ l-ewwel tellieqa u kif ukoll it-tieni waħda wara taqtiegħa ma' l-istess Nicolai Aquilina.

Tmien parteċipanti ħadu sehem fil-kategorija 100cc Water cooled, b'Keith Attard jirbaħ il-pole position għall-ewwel tellieqa f'ħin ta' 29.758 sekondi. L-aktar sewwieq viċin tiegħu kien Glenn Vassallo, filwaqt li Rueben Mifsud, wieħed mill-favoriti spiċċa fil-ħames post.

L-ewwel tellieqa kienet waħda kumbattuta, b'Attard joħroġ rebbieħ wara taqtiegħa ma' Reuben Mifsud li spiċċa fit-tieni post u bi Glenn Vassallo jasal fit-tielet post.

It-tieni tellieqa kellha protagonisti oħra, Attard reġa' għal darba oħra telaq fuq quddiem iżda kien maqbuż minn Chris Seguna li baqa' għaddej biex rebaħ. Mifsud irtira minħabba problemi tekniċi, Attard temm it-tellieqa fil-ħames post, filwaqt li fit-tieni u t-tielet post daħlu Clayton Mizzi u Glenn Vassallo rispettivament.

B'hekk ir-rebħa finali marret għand Keith Attard, b'Chris Seguna fit-tieni post u bi Glenn Vassallo fit-tielet post tal-klassifika finali.

Il-kategorija tal-125cc Racing ukoll kienet waħda eċċitanti, b'Jacob Borg jirbaħ il-pole position b'Keith Schembri jispiċċa fit-tieni post.

Sfortunatament Borg sofra ħsarat fil-makna u għalhekk Schembri ma sab l-ebda diffikultà jaħrab. It-tieni tellieqa kienet storja oħra, Borg mill-aħħar post wasal sat-tieni post wara ftit laps u wara dwell ma' Schembri, spiċċa biex rebaħ it-tellieqa.

Ir-rebħa finali marret għand Keith Schembri, b'Lino Farrugia jikseb it-tieni post u Jacob Borg it-tielet post.

Il-kategorija tal-125cc Restricted hija kategorija ġdida, li offriet bilanċ assolut bejn is-sewwieqa. Bejn il-ħin tal-pole position u l-ħames ħin kien hemm biss distakk ta' 1.04 sekondi.

L-ewwel tellieqa kien karatterizzata mill-waqfien ta' Roderick Cascun wara problemi tekniċi li sofra fil-karrozza tiegħu, b'hekk Elmar Grech u Ramon Caruana ma sabux diffikultà jaslu fl-ewwel u t-tieni post rispettivament.

It-tieni tellieqa rat lil Elmar Grech jirtira, b'Cascun jitla' fl-ewwel post u jsuq lejn rebħa komda. Ramon Caruana tilef it-tieni post wara żball fit-tmien dawra biex Ryan Cassar qabżu u temm it-tellieqa fit-tieni post.

Il-klassifika finali inkurunat lil Roderick Cascun bħala rebbieħ finali, b'Elmar Grech u Ramon Caruana jsegwu.

It-tlielaq li jmiss mistennija jsiru nhar il-Ħadd, 18 ta' Novembru fil-Ħal Far Karting Raceway.



Rebbieħa tal-Kategorija tat-tfal



Keith Schembri, Lino Farrugia u Jacob Borg




Keith Attard, Chris Seguna u Glenn Vassallo

# Rebħiet għal Nemeth u Walsh



Carol Walsh mal-wasla tagħha fiż-Żurrieq

Għall-ħames sena konsekuttiva l-Belġjan, Christian Nemeth ta' Monceau ESM rebaħ iż-Żurrieq Half Marathon f'ħin ta' 1:11:33, bl-ewwel Malti jkun Jonathan Balzan ta' St.Patrik' s AC.

It-titlu tat-timijiet ta' l-irġiel intrebaħ minn St. Patrick' s AC, liema grupp kien iffurmat minn Jonathan Balzan, Haitem Ksheim u Drew Lang.

Is-sezzjoni tan-nisa wkoll kienet waħda interessanti, b'Carol Walsh ta' Athleta Pembroke tirbaħ f'ħin ta' 1:22:49, quddiem Carmen Hili ta' St.Patrick's AC, b'din ta' l-aħħar itejjeb il-ħin tagħha fuq din ir-rotta meta ġriet f'1:28:24. Doreen Vella ta' Żurrieq Wolves spiċċat fit-tielet post rispettivament. It-trio Carmen Hili, Marisa Muscat u Pauline Vella ta' St.Patrick' s AC għelbu l-isfida ta' Żurrieq Wolves biex rebħu t-titlu tan-nisa.

Fil-kategorija ta' 'l fuq minn 40 sena ħareġ rebbieħ Brian Magri ta' Athleta Pembroke, filwaqt li f'dik il-fuq minn 45 sena rebaħ Jimmy Sacco ta' Mellieħa AC. Il-kategorija ta' 'l fuq il-50 sena intrebħet minn Martin Agius, filwaqt li Edwin Spiteri rebaħ dik il-fuq minn 65 sena.

Avveniment li bħal dejjem fih irrenjat il-ħbieberija sportiva.


Carmen Hili



Haitem Ksheim

## RIŻULTATI LOKALI RIŻULTATI LOKALI RIŻULTATI LOKALI RIŻULTATI LOKALI

### DARTS – DIVIŻJONIJIET 1,2,3

| | |
|---|---|
| Clamus Paola Wolves v Ċaċċu SC | 7-1 |
| Żabbar Southcliff v Juventus Zeus | 4-4 |
| Jesmond Print Right v Mqabba Lily BC | 6-2 |
| Mosta Shangai v Ajax | 6-2 |
| Mqabba FC v Beland BC | 4-4 |
| KC Dragons v Sagra Familia BC | 4-4 |
| Juventutis Domus v Marsa St.Micael | 5-3 |
| PO Bar v St. George' s BC | 6-2 |
| Bormla Boċċi Club v Shaggy Pub | 5-3 |
| Xuereb Installion v Karettun Bar | 5-3 |
| Cospicua Dynamos v R. Arrigo Ta' Ġiorni | 5-3 |

### HOCKEY – CHALLENGE CUP

| | | | |
|---|---|---|---|
| Rabat | v | Qormi | 2-1 |
| Youngsters | v | Whitehart | 3-1 |

**KAMPJONAT U16**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Qormi | v | Sliema Hotsticks | 2-0 |
| San Anton | v | Qormi | 0-4 |
| Floriana YS | v | Sliema Hotsticks | 0-4 |

**FAHRENHEIT FREIGHT SWAN FOOTBALL LEAGUE**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Mtarfa | v | Ta' Ġiorni Wolves BOV | 2-5 |
| San Ġwann 93 | v | Valletta St. Pauli | 3-5 |

### POOL – ROUND 2

| | | | |
|---|---|---|---|
| Domus Kids B | v | St. George's BC | 13-19 |
| Espadon Bar B | v | Downtown Bar | 13-19 |
| San Gwann Boċċi A | v | Top Gun Bar | 13-19 |
| Ħamrun Liberty A | v | La Cubana Bar | 19-04 |
| St. Joseph B.C | v | 147 Snooker Hall | 18-19 |
| Hard Rock Bar | v | Oasis Bar | 07-19 |
| Ta' Ċikka Bar | v | Espadon Bar A | 06-19 |
| Taste Good Bar A | v | Senglea Boċċi Club | 19-18 |

### HANDBALL

**APS BANK CUP - Nisa**

| | |
|---|---|
| Ta' Xbiex K. v Aloysians E. | 15-24 |
| La Salle V. v D6 Living Well | 22-07 |

**APS BANK - Irġiel**

| | |
|---|---|
| La Salle Kia v La Salle Piatnik | 22-20 |
| Aloysians K. v Kavallieri R. | 15-19 |

**APS BANK - Subien U16**

| | |
|---|---|
| De La Salle v DHS | 16-30 |

### TEN-PIN BOWLING
### KAMPJONAT MIDDLESEA

NINE v Red Well Heating 8-0
HSBC v Royal Shock 2-6
QF Ltd v Fina First 2-6
Aercomms v Union Capital Group 8-0
Pharmavet v Ramis 2-6

**KLASSIFIKA**

| | |
|---|---|
| Fina First | 108 |
| Aercomms | 103 |
| Union Capital Group | 89 |
| Royal Shock | 71 |
| Pharmavet | 70 |
| QF Ltd | 60 |
| HSBC | 60 |
| Ramis | 60 |
| NINE | 56 |
| Redwell Heating | 43 |

### AĦBARIJIET
### TABLE FOOTBALL

Il-player Malti, Hansel Mallia li jilgħab mal-club Belġjan ta' AS Hennuyer għeleb lil Efrem Intra u Martyn Bomm (Champions Mondjali) biex wassal lil club tiegħu sal-kwarti finali tal-kompetizzjoni Champions League tat-Table Football. Massimo Cremona, player ieħor Malti li jilgħab mal-club ta' Perugia ma kellux prestazzjonijiet daqshekk tajba tant li t-team tiegħu safa' eliminat fil-fażi inizjali. It-team Malti ta' Ħamrun TFC li kien qiegħed jipparteċipa għall-ewwel darba spiċċa fit-tmientax -il post. Il-logħob kollu intlgħab fil-Greċja.

### BOWLING

Mill-kampjonat dinji tal-Bowling li sar ġewwa San Pietruburgu fir-Russja, Suc Abela spiċċat fit-13 -il post fil-klassifika finali, bl-Awstraljana Anne Maree Puttney ssir champion Mondjali. Fil-kategorija ta' l-irġiel, il-Malti Kenneth Arpa temm l-impenji tiegħu fil-45 post, bl-Amerikan, Bill Hoffman jikseb l-ewwel post.

### FOOTBALL MALTI

It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt id-19 -il sena qiegħed jipparteċipa fl-Under 19 Uefa Championship Tournament ġewwa l-Italja u fl-ewwel logħba kontra l-Kroazja, t-team Malti tilef bl-iskor ta' 3 - 0.

MALTA RUGBY FOOTBALL UNION
CISK Finest Quality Lager Beer
FIRA AER Association Européenne Rugby



# MALTA vs LATVIA

# RUGBY

www.maltarugby.com

## 17-11-07

# BE PART OF IT

**Hibernians ground**

**Kick off 14:00**
Doors Open 12:30

**Jason Zammit & Colin Fitz**
XFm's Jay & The Crew

## Ticket outlets

www.maltaticket.com
Exotique shops - Agenda Bookshops
BookEnds - News Kiosk
Vodafone Outlets
The Alley Rock Bar
Rookies Sports Bar & Zmerc Pub

## Ticket hotline

**99881266**



PriceWaterhouseCoopers
The Alley Rock Bar
FM 100.2
Gasan Mamo Insurance Limited
Air Malta
onvol
vodafone

PLAY THE GAME
SEPARATE YOUR WASTE






MINISTERU
GĦALL-AFFARIJIET
RURALI U L-AMBJENT
www.mrae.gov.mt

FREEPHONE
SERVIZZI AMBJENTALI - NUMRU WIEĦED

8007 2210